# Rapport Annwali 2021

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

Din l-ewwel edizzjoni ġiet ippubblikata fl-2021 mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.

Kumpless Bice Mizzi Vassallo, Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776
*ktieb.org.mt*

Stampat: L-Istamperija tal-Gvern

Disinn: Steven Scicluna/Gabriel Bajada

Drittijiet tat-test © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Drittijiet tar-ritratti © Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

ISBN: Rapport Annwali 2021 (Malti, verżjoni mitbugħa) : 978-9918-9518-4-0
ISBN: Rapport Annwali 2021 (Malti, ebook) : 978-9918-9518-5-7

Kull dritt ta' pubblikazzjoni huwa miżmum mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.
*Dal-ktieb qed jitqassam b'xejn u allura ma jistax jinbiegħ. Jista' jissellef, jingħata bħala donazzjoni jew jiġi riprodott f'xi parti minnu. Ma jistax jiġi riprodott f'xi parti minnu jew b'mod sħiħ f'kull tip ta' forma jew b'kull mod ieħor jekk qabel ma jintalabx il-permess lill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb.*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Werrej*


Il-Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv *5*

Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *8*

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb *12*

Il-Fond Malti tal-Ktieb *16*

Xogħol Internazzjonali
u Esportazzjoni Letterarja *18*

Produzzjonijiet Awdjoviżivi *22*

Konkorsi Letterarj Oħra *24*

Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus
u Inizjattivi Oħra *26*

Rapport Finanzjarju *32*

ISBN u ISMN *34*

Ħlas għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku *82*

# *Dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb*

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) huwa l-entità pubblika li tieħu ħsieb l-industrija tal-kotba f'Malta b'għadd ta' servizzi importanti għall-awturi u l-pubblikaturi. Il-KNK dan jagħmlu billi jħabrek biex jippromwovi l-qari u l-ktieb bħala mezz ta' komunikazzjoni fil-forom varji tiegħu. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb jirrappreżenta lill-kittieba u lill-pubblikaturi fi mkejjen u istituzzjonijiet pubbliċi sabiex jitmexxew 'il quddiem l-interessi tal-imsieħba fl-industrija tal-kotba; jorganizza l-Festival Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fost inizjattivi oħra fuq skala iżgħar; jamministra l-Jeddijiet tas-Self Pubbliku; ivara diversi konkorsi letterarji; huwa wkoll l-aġent lokali għall-ISBN u l-ISMN.

Id-dispożizzjoni mentali tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb hi waħda primarjament kulturali u multimedjali, u b'dawn jirnexxilna naħdmu ma' msieħba differenti biex nilħqu għanijietna. Bħala entità, il-KNK jaqa' taħt il-Ministeru għall-Edukazzjoni u l-Isport u minn dejjem kien parti importanti mill-infrastruttura edukattiva pubblika.

*www.ktieb.org.mt*

*Indirizz*
Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
Kumpless Bice Mizzi Vassallo,
Triq Arnhem, Pembroke, PBK1776
Malta (UE)

*Telefown*
+356 27131574 / 27300672

## L-istaff u d-dettalji tagħhom

*Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

*Direttur Eżekuttiv*
Simona Cassano
simona.cassano@ktieb.org.mt

*Segretarju*
Joe Debattista
joe.debattista@gov.mt

*Maniġer Anzjan (Avvenimenti u Drittijiet ta' Barra)*
Matthew Borg
matthew.borg@ktieb.org.mt

*Maniġer (Fondi u Kontenut)*
Andrew Ricca
andrew.ricca@ktieb.org.mt

*Uffiċjal tal-ISBNs*
Michael Mercieca
michael.mercieca@gov.mt

*Deputat Kap Eżekuttiv*
Mark Vella

*Membri tal-Kunsill*
Daniela Attard Bezzina
Maria Brown
Aleks Farrugia
Chris Gruppetta
Joseph Mizzi
John Portelli
Joseph Debattista (Segretarju)

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

# *Il-Messaġġ tal-Kap Eżekuttiv*



*Il-Kap Eżekuttiv*
Mark Camilleri

Dan hu l-ewwel messaġġ tiegħi bil-miktub bħala Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK). Inħtart f'Settembru tal-2021 - l-aħħar kwart tas-sena - u mill-ewwel sibt ruħi qalb xogħol għaddej ma jiqafx li inkluda li jittieħdu deċiżjonijiet importanti għall-industrija tal-pubblikazzjoni. It-traġitt tat-tagħlim jipponta 'l fuq, imma l-ħsad huwa kbir. Minkejja l-effetti tal-Covid-19 is-sena 2021 kienet waħda ta' suċċess.

Il-KNK ħadem qatigħ sabiex il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb iseħħ fiżikament u jerġa' jkun skorfina imporanti fil-kalendarju kulturali Malti. Għall-ewwel darba l-Festival sar fiċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijet (MFCC) Ta' Qali, b'aktar minn 8,000 metru kwadru ta' spazju, jiġifieri ferm akbar mill-ispazju li kien ikun hemm il-Belt. Ma kinitx faċli torganizza festival u fl-istess ħin iżżomm mal-miżuri stretti kontra l-Covid-19, minkejja dan, u wara ġimgħat ta' diskussjonijiet u diplomazija rnexxielna jkollna naħa fejn kien se jkun hemm il-ħwienet tal-kotba miftuħa għal kulħadd u li ssegwi l-protokolli kollha. Din kienet ix-xewqa tal-KNK u l-esebituri sa mill-bidu. Seħħewlna xogħlijiet loġistiċi bil-qabda aktar mis-soltu sabiex il-Festival ġie organizzat, speċjalment dak relatat ma' saħħa u sigurtà, u kien hemm żieda konsistenti fl-ispejjeż sabiex inkunu żguri li l-punti fejn ittieħdet it-temperatura jaħdmu dejjem, biex il-post ikun iġjenizzat kontinwament, u biex jiġu ċċekkjati ċ-ċertifikati tat-tilqima u r-reġistrazzjonijiet minn qabel - dan kollu fisser aktar ħaddiema li bis-saħħa tagħhom il-Festival sar.

Kienet meritata. L-esebituri - kellna numru rekord minnhom ta' erbgħin bejn pubblikaturi, NGOs, entitajiet oħra u kittieba awtoppubblikati - esperjenzaw żieda fil-bejgħ tal-kotba meta mqabbla mal-Festival tal-2019 (tal-2020 sar kollu online). L-attendenza mill-pubbliku kienet inkuraġġanti - anki għall-fatt li l-Festival kien wieħed mill-ewwel avvenimenti pubbliċi li seħħew mindu tnaqqsu r-restrizzjonijiet. Il-Festival sarraf fi mbuttatura ekonomika kbira lill-ħwienet tal-kotba u l-pubblikaturi. Kemm il-pubbliku kif ukoll il-pubblikaturi bagħtulna messaġġi pożittivi dwar dil-bidla, u l-KNK diġà qed jippjana biex jibda x-xogħol fuq l-edizzjoni tal-2022 ħalli jtejjeb fuq dik ta' qabel f'dak li għandu x'jaqsam ma' loġistika u riżultati aħħarin biex b'hekk nerġgħu noffru esperjenza memorabbli minn kull lat.

Minkejja numru limitat ta' mistednin għaċ-Ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb minħabba r-restrizzjonijiet, din xorta saret fiżikament u laqqgħet lill-pubblikaturi u l-kittieba finalisti. Il-Premju huwa wirja tal-aħjar kotba ppubblikati s-sena ta' qabel - jidhirli li m'hemmx prova aktar ċara minn din






ta' kemm l-industrija tal-pubblikazzjoni lokali kienet kapaċi taqdef fil-mewġ tal-pandemija u ta' waħda mill-akbar kriżijiet ekonomiċi li saffqet wiċċha magħhom. L-għadd ta' sottomissjonijiet kien turija tar-reżiljenza tal-industrija.

In-numru rekord ta' kotba ppubblikati fl-2021 hekk kif juru ċ-ċifri ta' ISBNs maħruġa, kif ukoll kif jidher b'mod parzjali fir-riżultati tal-Istħarriġ tal-Entitajiet Pubbliċi 2019-2020 (Publishing Entities Survey 2019-2020) imniedi b'ħidma tal-KNK u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika, ukoll huma xhud li l-ktieb Malti għadu relevanti. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb kommess sabiex mhux biss jibqa' jwieżen lill-imsieħba tiegħu b'kull mod neċessarju, imma anki billi jissapportja inizjattivi u jmexxi proġetti sabiex tiġi mbutatta l-immaġni tal-ktieb lokali, f'Malta u lilhinn. L-għan tagħna hu li ntejbu t-trasparenza fit-tixrid tal-informazzjoni, fir-regolamenti tal-konkorsi u l-kompetizzjonijiet tagħna, u fis-servizzi kollha li noffru lill-imsieħba: jekk noħolqu u nħaddnu kultura ta' trasparenza fil-ħidma nattiraw nies oħra bħalna lejna u b'hekk noħolqu relazzjonijet aħjar u msejsa fuq il-fiduċja.

L-2021 immarkat qu̇ċċata oħra fil-pubblikazzjoni tal-letteratura Maltija barra minn xtutna, partikularment ta' dawk il-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. B'xogħol li kompla fejn ħalliet l-amministrazzjoni ta' qabli, ir-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji* ġie ppubblikat bl-Ingliż minn Peter Owen Publishers. Kotba Maltin oħra ġew esportati u ppubbikati fit-Taljan, l-Ispanjol, u l-Ingliż, fosthom *mill-bieb 'il ġewwa* ta' Loranne Vella ppubblikat minn Praspar Press li hija dar tal-pubbikazzjoni żgħira bbażata f'Londra. Praspar ippubblikaw ukoll antoloġija ta' xogħol Malti wara sejħa għas-sottomissjonijiet. Se nerġgħu naħdmu mill-ġdid ma' Praspar fuq proġetti oħra għal-London Book Fair 2022. F'Novembru l-KNK ħabbar li ktieb ieħor, did-darba finalist, tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb - *Castillo* ta' Clare Azzopardi - se jibbenefika mill-Fond għall-Adattament Ċinematografiku tal-KNK. Din opportunità tajba sabiex il-letteratura tieħu forom medjali oħra u biex jinħoloq pont bejn iċ-ċinema u l-letteratura.

Bidla ewlenija li ġiet effettwata fl-2021 kienet dik fl-Iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku li ġiet estiża għall-ħlasijiet għal kotba b'ISBN Malti mislufa mil-Librerija tal-Università ta' Malta. Dan kien riżultat maġġuri li seħħ wara xhur ta' negozjamenti li taw bidu wkoll għal relazzjoni fejjieda bejn il-KNK u l-Università li ħalliet il-frott, fost l-oħrajn l-iffirmar ta' kuntratt għal tliet snin dwar il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus.

'Taħt il-Qoxra' xandar l-aħħar staġun tiegħu fl-2021. Il-programm kien jixxandar kull ġimgħa fuq Radju Malta, u b'kollox tellajna aktar minn 200 wieħed fuq medda ta' erba' snin li fihom ġew intervistati l-awturi li tkellmu dwar il-kotba tagħhom. Issa ż-żmien li nħarsu lejn mezzi u forom oħra, kif ukoll naraw li




In-naħa tal-ħwienet tal-kotba waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb l-MFCC, Ta' Qali

nindirizzaw garżelli oħra mis-soċjetà. Fuq kollox naraw li nilħqu dejjem aktar nies.

Il-Palazz fi Triq Zekka l-Belt - li fi ftit snin oħra għandu jservi bħala l-uffiċini tal-KNK, Mużew tal-Letteratura interattiv, ħanut tal-kotba, kafetterija, u spazju arjuż għal avvenimenti kulturali u letterarji - kompla bix-xogħol. Fl-2022 jibda r-restawr fuq l-affreski fin-naħa tal-kafetterija, imbagħad ix-xogħol strutturali l-ieħor relatat mal-elettriku u l-plumbing. Safrattant l-uffiċċji tagħna mxew mil-Librerija Ċentrali Pubblika l-Furjana għall-Kumpless Bice Mizzi Vassallo f'Pembroke, u se nibqgħu hawn sakemm ix-xogħol fil-Palazz jitlesta fl-2024.

Xi ħaġa dwar pjanijiet għall-ġejjieni. Irridu nkabbru t-tim tagħna - tim attwalment żgħir li jagħmel il-mirakli. Madankollu l-proġetti ppjanati għat-tnax-il xahar li ġejjin jirrikjedu riżors uman akbar u aktar iddiversifikat fil-kompetenzi u r-responsabbiltajiet. Il-pjan ta' żvilupp tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb għal bejn l-2022 u l-2024 jinkludi l-proċess gradwali għal qabża kulturali fl-industrija tal-kotba u l-iżvilupp tal-imsieħba kollha tagħha. L-għan huwa dejjem li nixprunaw l-istatus tal-ktieb Malti lokalment u lilhinn.

Il-punt tat-tluq hu ċ-ċaqliq fid-data tal-avvenimenti ewlenin tagħna. Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb se jibda jsir fl-aħħar ġimgħa ta' Novembru, eqreb għall-festi, sabiex jiġi kkapitalizzat aħjar daż-żmien. Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jibda jsir fil-bidu tax-xahar u ċ-ċerimonja tkun tinkludi kemm il-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti u anki l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti. B'hekk il-prestiġju tal-Premju jogħla u l-esebituri, awturi jew pubblikaturi jkollhom aktar f'idejhom sabiex jippromwovu l-kotba rebbieħa waqt il-Festival.

Filwaqt li l-futur isorr aktar sfidi għall-industrija tal-kotba, kommessi li ninvestu r-riżorsi kollha li għandna għalbiex nikbru. L-imsieħba kollha magħna, u se naqdfu fid-direzzjoni t-tajba. Kif kien qal Winston Churchill, '*to improve is to change; to be perfect is to change often*'.

**L-għadd ta' sottomissjonijiet għall-Premju Nazzjonali tal-Ktieb kien turija tar-reżiljenza tal-industrija.**

# *Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar premju letterarju prestiġġjuż tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) li jweġġaħ lill-awturi, pubblikaturi, u illustraturi għal kotba ppubblikati f'Malta s-sena ta' qabel. Fl-2021 kien hemm tmien kategoriji kompetittivi miftuħa għal sottomissjonijiet fil-Premju Nazzjonali tal-Ktieb għall-adulti u sitta fil-Premju Terramaxka għat-tfal u l-adolexxenti. Il-kotba finalisti u r-rebbieħa f'dawn il-kategoriji ntgħażlu minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti fl-aktar ambjent fier u trasparenti.

Iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 ġiet ippreżentata mix-xandar ta' esperjenza Mario Xuereb, u seħħet nhar il-Ġimgħa 10 ta' Diċembru l-Berġa ta' Kastilja taħt il-patroċinju tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Fid-diskors tiegħu l-Kap Eżekuttiv tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb innota li minkejja l-isfidi li ġabet magħha s-sena n-numru ta' pubblikazzjonijiet fl-2020 kien wieħed ta' inkuraġġiment, u allura dik iċ-ċerimonja kienet ukoll ċelebrazzjoni tar-reżiljenza tal-pubblikazzjoni Maltija. Ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka tħabbru waqt il-ftuħ uffiċjali tal-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 fit-tieni ta' Novembru.

Sa ma għalqu l-applikazzjonijiet fis-26 t'April kien hemm 154 ktieb eliġibbli sottomessi - 95 minnhom fit-tmien kategoriji għall-adulti u 59 fis-sitta tat-tfal u l-adolexxenti. Il-lista tal-finalisti mbagħad twasslet lill-KNK mill-bord tal-aġġudikazzjoni fis-26 ta' Lulju. Dakinhar il-lista kien fiha 62 ktieb - 46 għall-adulti u 16 għat-tfal u l-adolexxenti. Fl-aħħar snin iż-żidiet monetarji lill-Premju u riformi oħra fil-proċess tal-aġġudikazzjoni żiedu mal-prestiġju marbut miegħu, u ħajru aktar awturi jissottomettu xogħolhom. Kull rebbieħ f'kull kategorija tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb jirċievi €4,000, tneħħi l-kategoriji tax-xogħol tradott fil-Premju Terramaxka, li jirċievu €2,000.




Awturi, pubblikaturi, u dinjitarji oħra waqt iċ-ċerimonja tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021




Id-disinn tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb sar minn Bloom Creative



Barra l-kategoriji kompetittivi għall-adulti - Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż, Novelli bil-Malti u bl-Ingliż, Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż, Drama bil-Malti u bl-Ingliż, Traduzzjoni, Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż, Riċerka Ġenerali, u Riċerka Bijografika u Storjografika - u s-sitta għall-Premju Terramaxka - Xogħol Oriġinali għal etajiet 0-7, 8-12, 13-16 u Xogħol Tradott għal etajiet 0-7, 8-12, 13-16 - il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2021 kellu premji speċjali oħra. Rena Balzan ingħatat il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura, filwaqt li Stephen Lughermo ġie rikonoxxut bil-Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti. Żewġ pubblikaturi ngħataw il-Premju għall-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra, wieħed għat-tfal u l-adolexxenti u l-ieħor għall-kbar.

# Il-Finalisti Kollha tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u t-Terramaxka 2020

## Il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**Tlettax** — *Kenneth Caruana (Horizons)*
**In-Nar għandu Isem: Noti minn Paġna Intima** — *Gioele Galea (Horizons)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Kissirtu Kullimkien** — *Lara Calleja (Merlin Publishers)*
**Mużajċi tat-Tafal** — *Joe Camilleri (Horizons)*
**Widnet il-Baħar u Stejjer Oħra** — *Joe Friggieri (Kite Group)*
**MittKelma** — *Rita Saliba (Klabb Kotba Maltin)*
**Sempreviva** — *Trevor Żahra (Merlin Publishers)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**Tgħanniq Ieħor: Poeżiji mill-Iżolament** — *Kit Azzopardi, Simone Inguanez, John P. Portelli (edi.) (Horizons)*
**L-Inventarju tal-Kamra l-Kaħla** — *Leanne Ellul (Merlin Publishers)*
**Imkien għall-Kenn: Poeżiji** — *John P. Portelli (Horizons)*
**Megalomanija Perversa: Poeżiji** — *Justin Schembri (Horizons)*
**L-Ambjent li Qeridna: Poeżiji (2017-2020)** — *Carmel Scicluna (Horizons)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Sejjieħ il-Ħsieb: Limitu u Ħelsien** — *John Baldacchino (Klabb Kotba Maltin)*
**The Strings of Fate** — *Ricky Caruana (Awtoppubblikat)*
**Justice for Daphne is Justice for Our Right to Know: The Book of the Art Installation** — *Alessandra Dee Crespo (kur.) (Midsea Books)*
**Daniel Holmes: A Memoir from Malta's Prison: From a Cage, on a Rock, in a Puddle…** — *Daniel Holmes (Lovin Malta)*
**Jien - Noti - Jien: Ħsejjes u Stejjer** — *Immanuel Mifsud, Toni Sant (Klabb Kotba Maltin)*

Traduzzjoni
**Il-Waqgħa** — *Toni Aquilina (Faraxa Publishing)*
**Ħija Jiġri Wara d-Dinosawri** — *Ludvic Azzopardi Ferrando (Merlin Publishers)*
**Otello** — *Alfred Palma (Awtoppubblikat)*
**Siġar** — *Terence Portelli (Klabb Kotba Maltin)*
**L-Aħħar Sajf ta' Berlin** — *Mark Vella (Merlin Publishers)*
**Mix-Xaqliba ta' Dar Swann – Ismijiet ta' Pajjiżi: L-Isem** — *Paul Zahra (Awtoppubblikat)*

Riċerka Ġenerali
**Bil-Kelma t-Tajba: Prinċipji u Kreattività fil-Pedagoġija tal-Lingwa** — *Antoinette Camilleri Grima (Klabb Kotba Maltin)*
**Tourism and the Maltese Islands: Observations, Reflections and Proposals** — *George Cassar, Marie Avellino (Kite Group)*
**L-Ekonomija f'Ilsien ix-Xjenza u l-Filosofija** — *John A. Consiglio (Faraxa Publishing)*
**Is-Sessiżmu fil-Lingwa Maltija** — *George Farrugia (ed.) (Klabb Kotba Maltin, l-Akkademja tal-Malti)*
**The Spazju Kreattiv Art Collection** — *Toni Sant (Fondazzjoni Ċentru għall-Kreattività)*
**The Beheading of Ignez: Katabasis, Ezra Pound and Three Maltese Artists** — *Giuseppe Schembri Bonaci (Horizons)*
**APS Mdina Cathedral Contemporary Art Biennale 2020 – Regaining a Paradise Lost: The Role of the Arts** — *Giuseppe Schembri Bonaci, Nikki Petroni (Mdina Cathedral Museum, APS Bank, APS Mdina Biennale)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Ta' Ġieżu Crucifix: Faith - History - Iconography - Conservation** — *Christian Attard (ed.) (Arċikonfraternità tas-Santissimu Kurċifiss, Valletta)*
**Ta' Liesse: Malta's Waterfront Shrine for Mariners** — *Giovanni Bonello (ed.) (Miller Distributors Ltd.)*
**Dellijiet Jgħajtu fir-Ras: Mario Azzopardi: Poeżija, Narrattiva u Kummiedja Soċjali** — *Charles Briffa (Horizons)*
**Ruħu Dejjem Tfittex: Charles Casha: Mgħallem Għalliel** — *Charles Briffa (Klabb Kotba Maltin)*
**Maltese Migration in Tunisian Coastal Towns (1836-1844)** — *Arnold Cassola (Morrone Editore)*
**San Ġużepp tar-Rabat tal-Imdina: Storja ta' Devozzjoni u Arti** — *Jeremy Debono (Awtoppubblikat)*
**Documentary Sources on the Maltese Eighteenth Century Carnival: Il Ballo del Battito or Parata** — *John Debono (ed.) (Awtoppubblikat)*
**Princess Poutiatine and the Art of Ballet in Malta** — *Kathrina Farrugia-Kriel (ed.) (Fondazzjoni Patrimonju Malti)*
**Diaspora: Maltese Overseas Settlement** — *Henry Frendo (Midsea Books)*
**L-Istorja tal-Partit Laburista: It-Tieni Volum (1940-1960)** — *Francis Galea (SKS Publishers)*
**Trevor Żahra: Bejn Storja u Miti: Ġabra ta' Kitbiet** — *Sergio Grech (ed.) (Horizons)*
**Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex** — *Martin Micallef (Midsea Books)*
**Albert Ganado: Ħajja Mhux tas-Soltu** — *Austin Sammut, Sergio Grech (edi.) (Klabb Kotba Maltin)*
**Mattia Preti: Life and Works** — *Keith Sciberras (Midsea Books)*
**Country Villas in XVIII Century Malta** — *Carmel Spiteri (Kite Group)*
**The Addolorata Cemetery** — *Conrad Thake (ed.) (Midsea Books)*

**Drama bil-Malti u bl-Ingliż: ma kienx hemm sottomissjonijiet*

## Il-Premju Terramaxka

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**L-Għasfur tal-Kwiekeb** — *Charles Casha, Matthew Stroud (ill.) (Klabb Kotba Maltin)*
**Enya l-Aljena… Reġina b'Kumbinazzjoni! (Tikka Qari Livell 7)** — *Audrey Friggieri, Romont Willy (ill.) (Merlin Publishers)*
**Tal-Forn** — *Noel Tanti, Matt Stroud (ill.) (Merlin Publishers)*
**Pito u Pita** — *Daniella Zerafa, Matthew Stroud (ill.) (Horizons)*

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 8–12)
**Il-Kreatura tal-Bir** — *Simon Bartolo, José Luis Oscaña (ill.) (Merlin Publishers)*
**Tara Frendo fuq il-Pjaneta Sturja (Tikka Qari Livell 15)** — *Antoinette Borg, Nicole Diacono (ill.) (Merlin Publishers)*
**Amazing Maltese Women** — *Kristina Chetcuti, Marisa Attard (ill.) (Merlin Publishers)*
**Stellini Kursar Malti (Tikka Qari Livell 14)** — *Dwayne Ellul, Moira Scicluna Zahra (ill.) (Merlin Publishers)*
**Il-Mostru tal-Bajja tal-Ġnejna (Tikka Qari Livell 14)** — *Leanne Ellul, Maxime Lebrun (ill.) (Merlin Publishers)*
**It-Tifel li Salva d-Dinja (Tikka Qari Livell 12)** — *Karl Schembri, Alice Samuel (ill.) (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għat-tfal (Etajiet 0–7)
**Lenard il-Papru tad-Daħq** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Lupu Lupettu Jfittex Maħbuba** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Lupu Lupettu Jrid Isir Artist** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Ors fl-Ispazju** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*
**Wiżżu Ħdejn il-Baħar** — *Reby Vella (Wise Owl Publications)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għat-tfal (Etajiet 8–12)
**Il-Familja Frattarija u d-Dar li Tagħtas** — *Simone Inguanez (Merlin Publishers)*

** Xogħol Oriġinali: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16) - ma ntgħażlux finalisti*
** Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti għall-adolexxenti (Etajiet 13-16) - ma kienx hemm sottomissjonijiet*

# Rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb

Rumanzi bil-Malti u bl-Ingliż
**In-Nar għandu Isem: Noti minn Paġna Intima** — *Gioele Galea (Horizons)*

Novelli bil-Malti u bl-Ingliż
**Kissirtu Kullimkien** — *Lara Calleja (Merlin Publishers)*

Poeżiji bil-Malti u bl-Ingliż
**L-Ambjent li Qeridna: Poeżiji (2017-2020)** — *Carmel Scicluna (Horizons)*

Traduzzjoni
**Mix-Xaqliba ta' Dar Swann – Ismijiet ta' Pajjiżi: L-Isem** — *Paul Zahra (Awtoppubblikat)*

Letteratura mhux Fittizja bil-Malti u bl-Ingliż
**Jien – Noti – Jien: Ħsejjes u Stejjer** — *Immanuel Mifsud, Toni Sant (Klabb Kotba Maltin)*

Riċerka Ġenerali
**The Beheading of Ignez: Katabasis, Ezra Pound and Three Maltese Artists** — *Giuseppe Schembri Bonaci (Horizons)*

Riċerka Bijografika u Storjografika
**Crux Invicta: Il-Kurċifiss Mirakuluż u l-Kapuċċini f'Għawdex** — *Martin Micallef (Midsea Books)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
**Midsea Books for The Addolorata Cemetery** — *Conrad Thake (ed.)*

Premju għall-Aħjar Awtur Emerġenti
**Stephen Lughermo**

Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura
**Rena Balzan**

# Ir-Rebbieħa tat-Terramaxka

Xogħol Oriġinali: Kotba għat-Tfal (Etajiet 0–7)
**Tal-Forn** — *Noel Tanti, Matt Stroud (ill.) (Merlin Publishers)*

Original Work: Books for Children (Ages 8–12)
**Il-Kreatura tal-Bir** — *Simon Bartolo, José Luis Oscaña (ill.) (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti (Etajiet 0–7)
**Ors fl-Ispazju** — *Clare Azzopardi (Merlin Publishers)*

Traduzzjoni: Kotba maqluba għall-Malti (Etajiet 8–12)
**Il-Familja Frattarija u d-Dar li Tagħtas** — *Simone Inguanez (Merlin Publishers)*

L-Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra
**Amazing Maltese Women** — *Kristina Chetcuti, Marisa Attard (ill.) (Merlin Publishers)*

**Xogħol Oriġinali: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16) - ma ntgħażlux finalisti*
**Xogħol Tradott: Kotba għall-Adolexxenti (Etajiet 13-16) - ma kienx hemm sottomissjonijiet*

# *Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb*



Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb huwa l-aktar ċelebrazzjoni kbira tal-industrija tal-kotba fil-kalendarju kulturali Malti kif ukoll l-aktar avveniment prestiġġjuż f'dak li għandu x'jaqsam ma' kotba u qari. Fl-aħħar snin, tneħħi l-2020 meta sar online, il-Festival baqa' jikber u jilqa' mal-40,000 ruħ taħt saqaf wieħed. Dawn in-numri kkonsolidaw ir-reputazzjoni tal-avveniment bħala pjattaforma ideali għall-awturi u l-pubblikaturi sabiex dawn jippreżentaw u jressqu xogħolhom quddiem il-pubbliku. Il-Festival joffri wkoll opportunità b'saħħitha sabiex il-professjonisti fl-industrija jiltaqgħu, jitkellmu u jinnegozjaw.

Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 - Il-Ħanut tal-Kotba seħħ bejn it-3 u s-7 ta' Novembru f'post ġdid, iċ-Ċentru għall-Fieri u l-Konvenzjonijiet (MFCC) f'Ta' Qali. Diċ-ċaqliqa lejn l-akbar imkien f'Malta għall-konferenzi u l-esebizzjonijiet ġabet magħha sfidi varji, mhux l-inqas dawk loġistiċi relatati ma' miżuri ta' prevenzjoni kontra l-Covid-19, li madankollu tħarsu u nżammu sal-inqas dettal. Minkejja dan il-kobor il-post ta flessibiltà akbar lil dan l-avveniment, b'aktar minn 8,000 metru kwadru ta' spazju fuq ġewwa għall-esebituri, imkejjen għal attivitajet akbar, u parkeġġ mingħajr inkwiet ta' xejn għall-pubbliku.

Bħalma jiġri dejjem il-Festival fetaħ biċ-ċerimonja tal-Premju Terramaxka, li bħall-avvenimenti l-oħra organizzati mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) kienet imxandra online fuq il-mezzi soċjali tal-KNK. Il-programm tal-avvenimenti, mifrux fuq ħamest ijiem, inkluda aktar minn 70 attività immirati għat-tfal, familji, professjonisti fil-pubblikazzjoni u l-pubbliku ġenerali bi tnedijiet u preżentazzjonijiet ta' kotba, laqgħat mal-awturi, seminars, diskussjonijiet tematiċi u skrinjar ta' films. L-avvenimenti kollha tal-programm kienu organizzati mill-KNK f'ħidma ma' numru rekord ta' esebituri, awturi, bejjiegħa tal-kotba, għaqdiet studentestki, NGOs u aġenziji tal-Gvern.

Irvine Welsh bilqiegħda ma' Immanuel Mifsud u Mark Vella waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb



## Il-lista tal-esebituri

Agenda Bookshop
Ahmadiyya Muslim Jamaat
BDL
Bookends
ĊAK - Reliġjon u Ħajja
Carmen Schembri
Creative Europe Desk Malta
Daniel Schembri
Dar tal-Pubblikazzjoni QUM
Deer Publications
Dunstan Hamilton
Ede Books / Kixott
Faraxa Publishing
Fondazzjoni Saghtar
Friends of the National Archives of Malta
German-Maltese Circle / UOM - Department of German
Għaqda tal-Malti - Università
Heritage Malta Publishing / L-Akkademja tal-Malti
Horizons
Inizjamed
Istituto Italiano di Cultura La Valletta
Kite Group
Kiwi Publications
Lara Bezzina
Librerija Preca
Malta Libraries
Malta University Press
Mario Saliba
Marvellous Malts
Matthew Schembri
Mellieħa Local Council
Merlin Library
Merlin Publishers
Midsea Books / Klabb Kotba Maltin
Paul Fenech Gonzi
SKS Publishers
Teatru Malta
Wirt iż-Żejtun



Il-mistieden internazzjonali ta' din lizzjoni tal-Festival kien Irvine Welsh, l-awtur tal-ktieb *Trainspotting* li mbagħad sar minnu l-film kult-klassiku minn Danny Boyle fl-1993. Wara *Trainspotting* Welsh baqa' jikteb u jippubblika b'mod prolifku, u sar figura influwenti tal-letteratura kontemporanja u ikona tas-snin 90. Fil-Festival Welsh tkellem dwar ħajtu u xogħlijietu waqt intervista ma' Wayne Flask, l-awtur ta' *Kapitali* (2017). Imbagħad f'avveniment ieħor ingħaqad ma' Immanuel Mifsud, li ddiskutew l-influwenza globali tax-xogħlijiet ta' Welsh, fosthom dik fuq il-letteratura lokali. L-iskambju kien immoderat minn Mark Vella, li huwa traduttur u kien waqqaf, kif ukoll kien id-direttur, ta' Minima Publishers fis-snin bikrin tal-elfejn.

Il-KNK organizza għadd ta' attivitajiet oħra b'awturi, pubblikaturi u tradutturi lokali u internazzjonali, li fost l-oħrajn xegħlu l-bozza fuq xogħol il-Kunsill wettaq fl-esportazzjoni letterarja. L-avveniment 'Il-Letteratura Maltija madwar d-Dinja' laqqa' pubblikaturi barranin li investew fil-letteratura Maltija f'pajjiżhom, fosthom bil-Għarbi (Fatimah Abbas - Dar Noon Publishing), bl-Ispanjol (Angela Arce - Colmillo Blanco), u bl-Ingliż (Nick Kent - Peter Owen Publishers, Kat Storace - Praspar Press). Attivitajiet oħra kienu tnedijiet ta' kotba minn Peter Owen Publishers u Praspar Press li ppubblikaw letteratura Maltija bl-Ingliż bis-sapport tal-KNK.

Il-programm għat-tfal tal-iskola ħadem b'mod ibridu. Il-Festival reġa' beda jilqa' lill-istudenti, b'aktar minn 1,200 student mifruxin fuq jumejn, kif ukoll laqa' reġistrazzjonijiet għall-programm online li xxandar direttament fil-klassi. Il-Festival daħal f'kull klassi bil-







Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb kien mifrux fuq ħamest ijiem u laqa' numru rekord ta' esebituri u viżitaturi

kwizz interattiv 'Fejn hemm il-Kotba hemm il-Maġija' li kien fih bosta karattri, stejjer u awturi mill-aqwa kotba tat-tfal u l-adolexxenti f'Malta u li wieħed seta' jagħżel jużax il-kwizz għall-primarja jew għas-sekondarja. Bħala parti mir-reġistrazzjoni kien hemm aktar minn 10,000 student li rċevew vawċer ta' €5 li seta' jissarraf mill-esebituri tal-Festival, hemmhekk jew online. Xi avvenimenti għall-familja kollha kienu x-xows ta' Danusan 'Il-Kotba Jieħdu l-Ħajja' (Books Come to Life) li kienu bbażati fuq ir-rebbieħa tal-Premju Terramaxka tal-2021; għall-ewwel darba x-xows kienu b'xejn u seħħew kuljum.

Il-programm kien fih ukoll attivitajiet ta' kull sena, fosthom iċ-ċerimonja tal-għoti tal-premjijet tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef li kien fiha qari ta' poeżija mir-rebbieħa, u l-premiere tad-dokumentarju qasir dwar Trevor Żahra li fl-2020 kien rebaħ il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura. Dis-sena l-KNK fakkar il-memorja ta' figura ewlenija tal-letteratura moderna Maltija, Oliver Friggieri, bil-kontribuzzjoni ta' panel immoderat minn Simone Galea b'Sara Brincat Friggieri, Joseph Mizzi (Klabb Kotba Maltin), Joe Friggieri u Gabriel Lia.

Għażla ta' avvenimenti mill-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 - Il-Ħanut tal-Kotba tinsab online u tista' tintwera mis-sit u l-Youtube tal-KNK.







**Il-post ta flessibiltà akbar lil dan l-avveniment, b'aktar minn 8,000 metru kwadru ta' spazju fuq ġewwa għall-esebituri, imkejjen għal attivitajiet akbar, u parkeġġ mingħajr inkwiet ta' xejn għall-pubbliku.**

# *Il-Fond Malti tal-Ktieb*

Il-Fond Malti tal-Ktieb jalloka kull sena s-somma ta' €105,000 bil-għan li jħeġġeġ tkabbir kulturali fis-suq lokali tal-kotba, u għalhekk għandu sehem integrali minn xogħol il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) fix-xena tal-pubblikazzjoni. Sabiex jipprovdi għan-nuqqasijiet negattivi li jġib miegħu suq żgħir tal-kotba, fosthom il-kapital disponibbli għar-riċerka u l-iżvilupp, it-traduzzjoni u l-marketing, u l-vijabbiltà ta' ċerti pubblikazzjonijiet ta' kwalità, il-Fond iwieżen lill-awturi, tradutturi, u pubblikaturi fil-progress tagħhom fi proġetti u inizjattivi ambizzjużi filwaqt li jinċentivizza l-professjonaliżmu fil-qasam.

Il-Fond fih żewġ tipi ta' għotjiet: Pubblikazzjoni u Traduzzjoni. L-Għotjiet għall-Pubblikazzjoni (b'baġit annwali ta' €50,000) immirati biex jissussidjaw pubblikazzjonijiet ta' ċertu livell li jkun fihom valur kulturali u edukattiv għoli. Dat-tip ta' kotba jkunu fir-riskju li jibqgħu fuq l-ixkaffa minħabba li normalment, jew għal xi raġuni oħra, ma jkunux vijabbli li tippubblikahom. L-Għotjiet għat-Traduzzjoni jwieżnu applikazzjonijet għat-traduzzjoni ta' xogħol Malti f'lingwa oħra (b'baġit annwali ta' €40,000) u applikazzjonijet għat-traduzzjoni ta' xogħlijiet b'lingwa barranija għall-Malti (b'baġit annwali ta' €15,000).

Kull għotja tista' tissapportja sa' 100% tal-proġett propost sa massimu ta' €5,000, u dawn l-għotjiet jimxu mal-ispirtu tal-Karta tad-Drittijiet Ekonomiċi tal-Kittieba. Il-Fond Malti tal-Ktieb jingħata lill-applikanti li jkollhom suċċess fi proċess ta' aġġudikazzjoni mħares minn bord ta' aġġudikazzjoni indpendenti.

Fl-2021 il-Fond Malti tal-Ktieb irċieva 62 applikazzjoni eliġibbli fi żmien l-applikazzjonijiet li kien bejn it-12 t'April u t-30 ta' Ġunju. Il-bord tal-aġġudikazzjoni kien magħmul mis-Sa Maria Giuliana Fenech, Prof. Yosanne Vella u Dr Toni Sant, u għażel 27 proġett li rċevew fondi fl-intier jew parzjali.

L-amministraturi tal-Fond fi ħdan il-KNK jibqgħu f'kuntatt mal-applkanti sabiex il-proġetti jitwettqu.

Xi kotba ppubblikati fl-2021 li ħadu l-Fond Malti tal-Ktieb is-sena ta' qabel















# *Proġetti magħżula - il-Fond Malti tal-Ktieb 2021*

| **Għotjiet għall-Pubblikazzjoni - Titlu tal-proġett** | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| Breaking the Law in Nineteenth-century Malta | Evelyn Pullicino | €5,000 |
| Sarangu - A Maltese Folktale | Fabrizio Ellul | €3,300 |
| Max-Xatt tat-Tamarisk | Claudia Gauci | €5,000 |
| Il-Ġrajja Ssir Kelma: Ngħarrxu fl-Imgħoddi u l-Preżent | Charles Briffa | €4,500 |
| Codex Melitensis: Ġabra ta' Riflessjonijiet Poetiċi Miktuba Waqt il-Mixja tal-Camino de Santiago | Alex Vella Gregory | €3,310 |
| Fil-Ħajja li Jmiss u Drammi Oħra tat-Triq | Marlon Chircop | €3,093 |
| Marta, Marta! | Zvezdan Reljic | €5,000 |
| Minn Wara l-Ħġieġ: Ġabra ta' Poeżiji | Rita Saliba | €3,500 |
| Teatru, Teatrin, Buzzetti u Skizzi oħra Teatrali | Albert Marshall | €5,000 |
| The Darmanin Artists - Thriving in a British Colony | Gordon Pisani | €5,000 |
| Mdina Recollections - A Journey Through the Centuries | Joseph Mizzi | €3,650 |
| Il-Bijografija ta' Salvu Bugeja: Artist Nazzjonali, Skultur u Mużiċist | Joseph Bugeja | €3,647 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni - Titlu tal-proġett**<br>*Kategorija 1 – Traduzzjoni ta' kotba Maltin* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| *L-Aqwa Żmien* / *The Best of Times* by Immanuel Mifsud into Serbian using English as a bridge language | Dejan Matić | €4,290 |
| Traduzzjoni ta' Suleyman the Magnificent and Malta 1565 għall-Franċiż | Arnold Cassola | €3,800 |
| An Italian translation of *Kissirtu Kullimkien* by Lara Calleja | Maria Cecilia Castagna | €3,250 |
| Traduzzjoni għall-Ingliż tal-ktieb *Fid-dlam tal-lejl ħarisna* | Immanuel Mifsud | €4,800 |
| Immanuel Mifsud's *L-Aqwa Żmien* translated into Albanian | Gezim Tafa | €1,980 |
| *Kissirtu Kullimkien* to be translated into English by Clare Vassallo and used as bridge translation | Lara Calleja | €3,250 |
| 'Around Two and a Half Hours Away From Heaven' by Immanuel Mifsud into the Macedonian Language | Julijana Velichkovska-Dimoska | €2,640 |
| Antoloġija tan-Novella Moderna Maltija (traduzzjoni ta' 22 novella) | Yana Psaila | €4,873.60 |
| 'A Book for Amy' - translation of the novel *Ktieb Għal Amy* (KKM,1999) | Charles Casha | €2,500 |
| *In the Name of the Father (and of the Son)* translated into Greek | Nestoras Poulakos | €5,000 |
| Immanuel Mifsud's *Jutta Heim* translated into Armenian | Hrant Aleksanyan | €3,616.40 |

| **Għotjiet għat-Traduzzjoni - Titlu tal-proġett**<br>*Kategorija 2 – Traduzzjonijet għall-Malti* | **Applikant** | **Għotja** |
|---|---|---|
| 'Pierre u Jean': It-traduzzjoni mill-Franċiż tar-rumanz *Pierre et Jean* ta' Guy de Maupassant | Joseph Pulè | €3,725 |
| It-traduzzjoni ta' *L'exil et le Royaume* ta' Albert Camus | Toni Aquilina | €5,000 |
| Traduzzjoni għall-Malti tar-rumanz ta' Irene Chias *Fiore d'agave, fiore di scimmia* (Laurana, 2020) | Mark Vella | €4,500 |
| It-traduzzjoni ta' *House in Limbo* ta' Mary Grima | Kit Azzopardi | €1,760 |

# *Xogħol fuq Barra u Esportazzjoni Letterarja*



Wara li fl-2021 bosta fieri tal-kotba internazzjonali tħassru jew tressqu, ix-xogħol tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) f'dal-qasam mexa lejn il-virtwali. Bis-saħħa ta' laqgħat u kollaborazzjonijiet mal-imsieħba u l-ħolqien ta' ħbiberiji ġodda mill-viji virtwali l-KNK kompla bix-xogħol sabiex il-letteratura lokali tinqara minn udjenzi ferm usa' madwar il-globu.

Xogħol il-KNK imur lilhinn mill-finanzjament dirett u l-kuntratwalizzazzjoni ma' pubblikaturi u tradutturi barranin. Tul is-sena l-Kunsill jipprovdi kull għajnuna u gwida lil awturi, imsieħba u entitajiet li javviċinawna b'mistoqsijiet jew talbiet għall-għajnuna sabiex jieħdu l-kotba tagħhom barra minn Malta. Madankollu r-riga tax-xogħol tal-KNK għal dax-xogħol ta' aġenzija letterarja jillimita ruħu għall-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, u l-aktar minħabba n-nuqqas tar-riżorsa umana. L-esportazzjonijiet letterarji huma vitali għall-industrija tal-kotba Maltija, u bħala għajn ta' referenza strateġika fuq das-settur importanti l-KNK jgħin sabiex iqabbad

*Gramma* ta' Leanne Ellul, ippubblikat bl-Għarbi minn Al Rabie Publications, esebit waqt il-Fiera Internazzjonali tal-Kotba fil-Kajr f'Ġunju tal-2021





*Il-KNK kompla bix-xogħol sabiex il-letteratura lokali tinqara minn udjenzi ferm usa' madwar il-globu.*



awturi lokali ma' pubblikaturi barranin. Il-miri tal-KNK għall-2022 u l-2023 huma li jsaħħaħ ir-rabtiet tiegħu ma' barra u jixpruna inizjattiva li tista' twassal għat-twaqqif ta' aġenzija letterarja bl-infrastruttura li tweżinha u li tgħin awturi u pubblikaturi lokali jinfiltraw swieq barranin.

## Dħalna fis-suq tal-pubblikazzjoni tar-Renju Unit

Minkejja li fl-2021 kellha tinqabeż il-parteċipazzjoni fil-London Book Fair, il-KNK issapportja għadd ta' traduzzjonijiet ippubblikati fir-Renju Unit. Bis-saħħa tal-KNK id-dar tal-pubblikazzjoni bbażata f'Londra, Praspar Press, ippubblikat l-ewwel żewġ pubblikazzjonijiet tagħha li introduċew il-kitba letterarja kontemporanja Maltija maqluba għall-Ingliż jew miktuba oriġinarjament bl-Ingliż. Praspar Press, imwaqqfa minn Jen Calleja u Kat Storace, ippubblikat *What will it take for me to leave*, li hija t-traduzzjoni tal-ġabra ta' novelli ta' Loranne Vella *mill-bieb 'il ġewwa* (EDE Books), u l-antoloġija *Scintillas: New Maltese Writing* li fiha proża, poeżija, u letteratura mhux fittizja bl-Ingliż minn kittieba stabbiliti Maltin. Iż-żewġ kotba tnedew waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb.

F'Diċembru l-KNK reġa' ħadem ma' Praspar Press sabiex fl-2022 jiġu ppubblikati bl-Ingliż ir-rumanz ta' Clare Azzopardi *Castillo* (Merlin Publishers) u t-tieni antoloġija ta' kitba minn Malta.

Il-pubblikaturi Peter Owen Publishers, li fil-lista ta' kotba ppubblikati minnhom hemm seba' rebbieħa tal-Premju Nobel, ippubblika fl-2021 ir-rumanz *Exodus of the Storks* ta' Walid Nabhan,

Letteratura Maltija kontemporanja bl-Ingliż jew maqluba għall-Ingliż ippubblikata fis-suq Brittaniku






maqlub minn Albert Gatt. Oriġinarjament ir-rumanz kien ippubblikat minn Klabb Kotba Maltin bit-titlu *L-Eżodu taċ-Ċikonji*, li rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-2014 u kompla biex fl-2017 rebaħ il-Premju tal-Unjoni Ewropea għal-Letteratura. It-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tal-ktieb kienu megħjuna mill-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb, u l-pubblikazzjoni ġiet varata waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021.

## Is-suq Għarbi

Fl-2021 ġew ippubblikati, tradotti jew promossi proġetti varji ta' esportazzjoni letterarja fir-reġjun Għarbi li ġew maqbula fl-2020. Fost l-oħrajn, ir-rumanz *Rokit* (Merlin Publishers) ta' Loranne Vella, rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-ktieb fl-2018, ġie ppubblikat f'Ġunju minn Noon for Publishing and Distribution u ppreżentat waqt il-Cairo International Book Fair u fieri oħra tul is-sena. Ir-rumanz inqaleb għall-Malti minn Walid Nabhan u ġie ppubblikat bl-ekwivalenti Għarbija għal المنزل رقم 36 (House No. 36). Il-ktieb ġie diskuss ukoll waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021 bil-parteċipazzjoni ta' Fatimah Abbas waqt l-avveniment 'Il-Letteratura Maltija madwar id-dinja'.

L-edizzjoni Għarbija tal-ktieb ċelebri ta' Alex Vella Gera, *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* (Merlin Publishers), li ġiet ippubblikata tard fl-2020 kompliet bil-promozzjoni tagħha f'fieri tal-kotba fir-reġjun Għarbi flimkien ma' rumanz ieħor bil-Għarbi tal-istess awtur, *Trojan* (Klabb Kotba Maltin). Iż-żewġ kotba kienu ppubblikati minn Mahrousa Publishing. Il-KNK ħadem ukoll ma' Bait el Yasmine li ppubblikaw ġabra ta' poeżiji ta' Immanuel Mifsud li kellha daħla mill-awtur Eġizzjan famuż, Ibrahim Abdel Meguid, magħruf l-aktar għat-triloġija tiegħu ta' Lixandra.

Fl-2021 ġew maqbula kuntratti għal aktar kotba li għandhom jiġu ppubblikati fl-2022, liema kuntratti jkopru t-traduzzjoni u l-pubblikazzjoni tax-xogħol sħiħ. Dawn jinkludu l-pubblikazzjoni tal-ewwel verżjoni Għarbija tar-rumanz sperimentali ta' Alfred Sant *Bħal f'Dizzjunarju* (SKS Publishers) minn AFAQ for Publishing, u ġabra ta' poeżiji ta' Gioele Galea maqluba għall-Għarbi minn Murad Shubert u li mistennija tkun ippubblikata mid-dar tal-pubblikazzjoni Libaniża Manshurat al Jamal, famuża l-aktar għall-pubblikazzjoni tar-rumanz *Frankenstein in Baghdad* li ken rebaħ l-International Prize for Arabic Fiction. Il-KNK qed jisponsorja wkoll it-traduzzjoni fl-Għarbi tar-rumanz *L-Eżodu taċ-Ċikonji*.

## Dun Karm fiċ-Ċiniż - titwettaq wegħda elettorali

Tul dawn l-aħħar ħames snin il-KNK kien qed jaħdem ma' għadd ta' tradutturi sabiex numru estensiv ta' poeżiij tal-Poeta Nazzjonali Dun Karm Psaila jinqalbu f'lingwi differenti, jiġifieri l-Ingliż, l-Għarbi, ir-Russu, it-Taljan u ċ-Ċiniż (Mandarin Klassiku). Kull ġabra tinkludi 39 poeżija ta' Dun Karm li jagħtu stampa bejn wieħed u ieħor ċara tal-karattru poetiku tiegħu, u magħhom l-aktar xogħol famuż tiegħu *Il-Jien u Lilhinn Minnu*, b'daħla u kummentarju kritiku.







Mix-xellug: Il-verżjoni Għarbija ta' *Rokit* ta' Loranne Vella u ta' *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* ta' Alex Vella Gera

Il-verżjoni Russa, ta' Yana Psaila, u dik Taljana, ta' Joseph Eynaud, tlestew fl-2020. Ix-xogħol sħiħ u lest fil-verżjoni Ingliża u Għarbija, maqlub minn Claire Vassallo u Walid Nabhan rispettivament, waslu l-uffiċċji tal-KNK fl-2021, u f"Diċembru tal-istess sena ġie maqbul kuntratt ma' Ayrton Brincat li se jaħdem fuq ix-xogħol għall-Mandarin Klassiku.

Il-KNK beda l-ħidma sabiex dawn it-traduzzjonijiet jaraw id-dawl tal-pubblikazzjoni ma' pubblikaturi barranin, u qed jimmira li l-verżjoni Russa ta' Dun Karm tkun ippubblikata fl-2022.

## Esportazzjonijiet letterarji oħra

Xogħol ieħor barra minn Malta tal-KNK jinkludi s-suq Ċiniż. Fost l-oħrajn kien ġie ffirmat ftehim mad-dar tal-pubblikazzjoni f'Shanghai Archipel Press, li mistennija tippubblika l-verżjoni Ċiniża ta' *The Confectioner's Daughter* (Horizons), liema verżjoni oriġinali bl-Ingliż kienet rebħet il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Il-ftehim jinkludi wkoll it-traduzzjoni għall-Malti ta' *Ya-Mark-Po* tar-rumanziera Ċiniża ta' kotba tat-tfal u l-adolexxenti Yin Jian Ling. Il-verżjoni Maltija, tradotta minn Stephen Cachia, tlestiet fl-2021 u għandha tiġi ppubblikata minn Faraxa Publishing fl-2022.

Wara l-pubblikazzjoni tal-edizzjoni Spanjola ta' *Trojan* ta' Alex Vella Gera fiċ-Ċilì (Librosdementira) fl-2019 u fl-Arġentina (Blatt & Ríos) u l-Kolumbja (Libros del Fuego) fl-2020, fl-2021 *Troyano* ġie ppubblikat f'żewġ pajjiżi oħra Sud Amerikani. Il-verżjoni Spanjola ta' Antoine Cassar imxiet lejn il-Perù ma' Colmillo Blanco, u fil-Bolivja ma' El Cuervo wara tnedijiet online f'Awwissu u Diċembru rispettivament.

Fl-2021 il-KNK ħadem ukoll ma' Bonfirraro Editore fuq sensiela ta' tnedijiet fi ħwienet tal-kotba fi Sqallija bil-ktieb *Requiem per un fascista maltese* li huwa traduzzjoni għat-Taljan ta' *Requiem for a Malta Fascist (or The Interrogation)* - rumanz klassiku ta' Francis Ebejer ippubblikat fl-1980.

Bosta mit-tnedijiet fl-2021 saru online minħabba restrizzjonijiet fis-safar




*Requiem per un Fascista Maltese* ippubblikat minn Bonfirraro Editore u l-edizzjoni Peruvjana ta' *Troyano*






# *Fondi u Produzzjonijiet Awdjoviżivi*

Fil-ħsieb tiegħu li jippromwovi l-kotba Maltin u l-awturi, illustraturi u pubblikaturi tagħhom, kull sena l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) jinvesti fi produzzjonijiet awdjoviżivi u jipprovdi fondi sabiex xogħlijet letterarji lokali jiġu adattati għall-awdjoviżiv. Fl-2021 dawn l-inizjattivi kienu, fost oħrajn, il-programm radjufoniku ta' kull ġimgħa 'Taħt il-Qoxra', il-promozzjoni tal-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, u t-tnedija tat-tieni sejħa għall-Fond għall-Adattament Ċinematografiku.

Il-Fond għall-Adattament Ċinematografiku huwa l-akbar fond lokali għall-adattament ta' xogħol letterarju wieħed li jingħata f'Malta. Il-Fond ikopri l-aspetti kollha tal-iżvilupp u l-produzzjoni ta' proġett rebbieħ wieħed b'allokazzjoni massima ta' €200,000. Il-Fond jimmira li jippromwovi l-letteratura Maltija billi jwieżen l-adattament ta' film minn ktieb rebbieħ jew finalist tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Wara sejħa għall-applikazzjonijet li fetħet mis-17 ta' Mejju sat-30 ta' Awwissu, il-kumpanija awdjoviżiva Take Two ntgħażlet minn bord evalwattiv indipendenti biex tirċievi l-fondi u tipproduċi adattament f'film tar-rumanz finalist tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb *Castillo* (Merlin Publishers, 2017) ta' Clare Azzopardi.

Fis-sajf il-KNK laqa' wkoll it-tnedija teatrali ta' *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* prodott bis-sapport tal-Fond imsemmi tal-KNK fl-2019. Il-film, dirett minn Martin Bonnici bl-iskript ta' Teodor Reljić, inħadem fuq ir-rumanz bl-istess isem ta' Alex Vella Gera, li kien ippubblikat minn Merlin Publishers fl-2012. Il-film kien ukoll

Ir-rumanz ta' Clare Azzopardi *Castillo* se jsir film sal-2023




L-episodji kollha tas-sensiela 'Taħt il-Qoxra' tista' ssibhom fuq is-sit u l-mezzi soċjali tal-Kunsill



*Kull sena l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) jinvesti fi produzzjonijiet awdjoviżivi u jipprovdi fondi sabiex xogħlijet letterarji lokali jiġu adattati għall-awdjoviżiv*




Xena mill-film *Is-Sriep Reġgħu Saru Velenużi* u d-disinn għall-film

muri waqt il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb. Fil-Festival intwera wkoll dokumentarju qasir dwar il-ħajja u x-xogħol ta' Trevor Żahra li fl-2020 rebaħ il-Premju għall-Kontribut Siewi fil-Qasam tal-Kotba u l-Letteratura.

Fl-2021 Radju Malta xandar l-aħħar staġun ta' 'Taħt il-Qoxra', produzzjoni tal-KNK ippreżentata minn Rachelle Deguara li kienet ilha għaddejja 4 snin bi programm kull ġimgħa għal total ta' 208 episodju. Is-serje introduċiet awturi, rċerkaturi, pubblikaturi u persuni oħra lokali lill-udjenza. Kull episodju jinsab maħżun fis-Soundcloud jew is-sit tal-KNK; l-aħħar staġun jinsab ukoll fuq Facebook u Youtube tal-KNK bħala poddata.

Il-KNK ħadem ma' bosta djar tal-midja fuq kampanji promozzjonali varji. Ma' MaltaToday ittellgħet serje ta' filmati b'qari ta' siltiet minn atturi rinomati, bħal Simone Spiteri, Chris Galea u Paul Portelli, mill-kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb 2020. Bil-għan li tiġi promossa l-letteratura lokali b'mod usa', sar xogħol ma' Lovin Malta li nfirex minn April sa Diċembru u li kien jikkonsisti f'reċensjoni ta' minuta dwar ktieb lokali minn personalità. Fil-kampanja Lovin Book Reviews il-personalità jgħid għala jirrakkomanda l-ktieb li għandu f'idejh.

# *Konkorsi Letterarj Oħra*





## Il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef

Fl-2021 il-poetessa konfessjonali, magħrufa l-aktar għal versi ta' xenqa spiritwali u romantika, Doreen Micallef għalqet 20 sena mejta. Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK) kien waqqaf il-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef fl-2019 biex iweġġaħ lil dil-poetessa, itella' aktar fil-wiċċ il-poeżija f'Malta, u jiċċelebra l-aqwa poeżija miktuba bil-Malti.

Il-konkors annwali jiftaħ għal poeti ta' kull età u jippremja poeżija waħda u oriġinali bil-Malti li ma tkunx taqbeż is-36 vers u ma tkun ippubblikata mkien. Il-proċess tal-għażla jkun wieħed anonimu, bl-applikanti mitluba jissottomettu f'isem psewdonimu. Is-sejħa għas-sottomissjonijiet fetħet f'Ġunju.

Ir-rebbieħa tat-tielet edizzjoni tħabbru l-Ġimgħa 5 ta' Novembru waqt serata speċjali fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb, li kienet ippreżentata minn Claudia Gauci. Mill-50 poeżija eliġibbli mdaħħla fl-2021, intgħażlet dik ta' Carmel Scicluna bl-isem ta' 'Submersi Filii' fl-ewwel post u bl-għotja ta' €1,000. It-tieni premju mar għall-poeżija ta' Ritianne Frendo 'Mas-Sikta tal-Ħarifa' u t-tielet premju ħadu Jonathan Balzan bil-poeżija 'Hawala'.

Il-ġurija indipendenti għall-edizzjoni tal-2021 kienet magħmula minn Dr Josette Attard, Prof. Carmel Borg u Karl Schembri. Il-ġurija tkun mitluba tidentifika u tippremja l-awtentiċità, l-immaġinazzjoni, id-distintività tal-vuċi, u l-użu oriġinal u ispirattiv tar-ritmu u l-figuri tat-taħdit skont kriterji stabbiliti minn qabel. Aspetti oħra li jħarsu lejhom huma r-reġistru, l-ortografija, il-grammatika, u x-xbihat viżivi li wkoll iġorru piż sostanzjali fl-evalwazzjoni.

Is-sejħa għas-sottomissjonijet għall-edizzjoni li jmiss tal-Konkors Nazzjonali tal-Poeżija Doreen Micallef tkun ippubblikata f'Ġunju tal-2022.

## Il-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ

Il-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ jiġi organizzat kull sena sabiex jidentifika u jippremja rumanzi bil-Malti li jappellaw għaż-żgħażagħ u li jindirizzaw ir-realtajiet tagħhom f'daż-żmien partikulari tal-ħajja. Il-Konkors jimmira wkoll li jwessa' l-qarrejja tal-letteratura għaż-żgħażagħ f'Malta bis-saħħa tal-interess li jiġġenera qalb il-qarrejja żgħażagħ. Il-kriterji tal-aġġudikazzjoni huma ddeterminati minn dak li hu mistenni mill-quċċata tal-ġeneru - relevanza tat-temi għall-qarrejja ta' din l-età, evidenza ta' kuxjenza soċjali, reġistru li jaqbel mal-ġeneru, u djalogu konvinċenti.

F'Jannar tal-2021 il-KNK u Aġenzija Żgħażagħ ħabbru r-rebbieħ tal-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ 2021 waqt ċerimonja ppreseduta mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Benessri Soċjali, mill-Ministru għall-Inklużjoni u l-Benessri Soċjali, l-On. Julia Farrugia Portelli, u dak li kien is-Segretarju Parlamentari għaż-Żgħażagħ, l-On.Clifton Grima. Marlon Chircop ingħata l-premju monetarju ta' €1,000 u għotja




ta' €2,000 li ssegwi l-firma ta' kuntratt għall-pubblikazzjoni tal-manuskritt li bih rebaħ il-Konkors, 'Mitt Elf Isem Ieħor'. Il-manuskritt intgħażel minn bord ta' aġġudikazzjoni indipendenti magħmul minn Dr Josette Attard, John A. Bonello u Kevin Saliba. Il-manuskritt eventwalment ġie ppubblikat aktar tard fl-2021 minn Merlin Publishers.

Wara li ġie varat fl-2009, il-Konkors beda jsir f'kollaborazzjoni ma' Aġenzija Żgħażagħ mill-2013 'il quddiem, u tul dawn l-aħħar għaxar snin għen ukoll sabiex jixgħel il-bozza fuq diversi talenti lokali li ssottomettew manuskritt rebbieħ, fosthom Leanne Ellul, Rita Saliba, Stephen Lughermo, Simon Bartolo u Antoinette Borg. Is-sejħa għall-Konkors tal-2021 ma fetħitx, iżda l-KNK qed jippjana li jibdel xi affarijiet mill-qiegħ u jiddiversifika l-Konkors sabiex ikun f'pożizzjoni aħjar li jsaħħaħ id-disponibbiltà ta' letteratura ta' kwalità għaż-żgħażagħ fis-suq lokali.




*Mitt Elf Isem Ieħor* ta' Lon Kirkop kien ippubblikat minn Merlin Publishers fl-2021

## L-Irtir tal-Kittieba fl-Iżlanda

Il-KNK jissapportja lir-rebbieħa tal-Konkors ta' Kitba - Letteratura għaż-Żgħażagħ u lil kittieba emerġenti billi jibgħathom fl-Irtir tal-Kittieba fl-Iżlanda (Iceland Writers Retreat - IWR). Minħabba l-Covid-19 fl-2021 il-KNK għen lil Josianne Block u lil Rita Saliba biex jipparteċipaw fil-verżjoni online tal-Irtir.

> **'[...] kienet esperjenza mill-isbaħ [...]; ħafna drabi naqsmu l-istess diffikultajiet, li ġegħlitni nħossni li qed nikkomunika u li m'iniex waħdi f'ċerti aspetti.'**
>
> *—Rita Saliba*

# *Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus u Inizjattivi Oħra*

## Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus - edizzjoni virtwali

Minħabba r-restrizzjonijiet tal-Covid-19 li kien hemm dak iż-żmien, il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2021, li seħħ bejn l-24 u s-26 ta' Marzu, ittella' kollu kemm hu online. Il-programm tal-attivitajiet, kif isir kull sena, kien immirat għall-udjenza regolari tal-istudenti universitarji, imma anki għall-pubbliku ġenerali. Il-Festival ikun organizzat kull sena b'ħidma bejn pubblikaturi lokali, dipartimenti mill-Università ta' Malta, u għaqdiet studenteski bil-għan li jiġu promossi forom varji tal-letteratura, kotba tal-Melitensia, u xogħol ta' riċerka. Il-Festival jipprovdi wkoll pjattaforma importanti lill-pubblikaturi sabiex jilħqu lill-istudenti terzjarji. L-avvenimenti kollha tal-edizzjoni tal-2021 ġew irrikordjati fil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti u xxandru mis-sit u l-paġna tal-Facebook tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK).

Il-poeta u kittieb ta' tifkiriet awtobijografiċi Mark Doty kien il-mistieden internazzjonali tal-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus 2021. Doty kien l-ewwel Amerikan li rebaħ il-Premju T.S. Eliot fir-Renju Unit fl-1995, u fl-2008 rebaħ il-Premju Nazzjonali tal-Ktieb fl-Istati Uniti bil-ktieb *Fire to Fire: new and selected poems*. Huwa l-awtur ta' diversi ġabriet ta' poeżija, kotba ta' tifkiriet awtobijografiċi (memoirs), u kotba ta' letteratura mhux fittizja, li ħafna minnhom intlaqgħu tajjeb kemm mill-pubbliku kif ukoll mill-kritiċi ngħidu aħna l-memoir *Dog Years* li skont in-New York Times kiser rekords ta' bejgħ. Doty pparteċipa f'sessjoni ta' klabb tal-kotba ma' studenti universitarji li tmexxiet minn Dr Mario Aquilina dwar il-ktieb ta' tifkiriet awtobijografiċi *Firebird*; kien intervistat ukoll mill-Kap tad-Dipartiment tal-Ingliż fl-Università, Prof. James Corby, u pparteċipa fil-Palk Ħieles ta' Inizjamed, li kkonkluda l-Festival.

F'din l-edizzjoni kien hemm seba' pubblikaturi lokali - BDL, Horizons, Merlin Publishers, Klabb Kotba Maltin/Midsea Books, Faraxa Publishing, Kite Group u SKS - li ppreżentaw għadd ta' kotba ġodda tul l-avveniment. Il-Festival tal-Ktieb




Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus sar kollu kemm hu online fl-2021



Mark Doty

*Il-Festival ikun organizzat kull sena b'ħidma bejn pubblikaturi lokali, dipartimenti mill-Università ta' Malta, u għaqdiet studenteski bil-għan li jiġu promossi forom varji tal-letteratura, kotba tal-Melitensia, u xogħol ta' riċerka*



L-attivitajiet kollha ġew irrikordjati mil-Librerija tal-Fakultà tal-Arti, l-Università



fuq il-Kampus inkluda l-parteċipazzjoni ta' dipartimenti u għaqdiet studenteski differenti. Fost l-oħrajn ipparteċipaw l-Għaqda tal-Malti – Università, DESA (l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tad-Dipartiment tal-Ingliż), HoASA (l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Istorja tal-Arti u l-Arti), SPS (is-Soċjetà tal-Istudenti tal-Filosofija), u ELSA (l-Assoċjazzjoni tal-Istudenti tal-Liġi Ewropea), kif ukoll id-Dipartiment tal-Filosofija.

## Il-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba u Xogħol Leġislattiv

Fl-2021 il-KNK kompla jibni fuq ix-xogħol leġislattiv mibdi s-sena ta' qabel, primarjament fuq iż-żewġ abbozzi ppubblikati minnu - l-Att dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb u l-Att dwar ir-Riforma fuq id-Drittijiet tal-Awtur. F'Ġunju l-abbozz tal-Att dwar il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb ġie ppreżentat lill-Ministeru għall-Edukazzjoni. Dan l-abbozz ifittex li jistabbilixxi lill-KNK bħala entità awtonoma u jgħaddi din l-awtonomija uffiċjalment bħala Att tal-Parlament. Dan l-abbozz ġie approvat waqt il-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba x-xahar ta' qabel, li sar online.

Punti oħra fl-aġenda tal-Kungress kienu l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, sa fejn jestendi xogħol il-KNK, u l-qagħda tal-industrija tal-kotba f'Malta. Dwar l-ewwel punt tqajmu xi suġġerimenti sabiex il-kategorija tar-Riċerka Ġenerali tinqasam f'oħrajn. Il-punt ġie ribattut bil-fatt li diġà nħolqot il-kategorija tal-Letteratura mhux Fittizja, u li għalissa ma hemmx lok għal aktar kategoriji. Dwar sa fejn għandu d-dritta li jintervjeni l-KNK, tqajjem il-punt dwar l-ilsien Malti u l-isfidi tiegħu. Il-Kap Eżekuttiv tal-KNK wieġeb li l-Kunsill jonfoq madwar kwart ta' miljun kull sena biex jippromwovi l-ktieb Malti, iżda dwar il-qagħda tal-ilsien u l-promozzjoni

tiegħu hemm entitajiet oħra li xogħolhom huwa s-salvagwardja tal-ilsien, ngħidu aħna l-Kunsill Nazzjonali tal-Ilsien Malti.

Dwar aspetti mill-industrija tal-kotba lokali ġie diskuss il-monopolju fid-distribuzzjoni tal-kotba u l-fatt li l-akbar distributur tal-kotba f'Malta kulma jmur qed inaqqas il-kotba mill-ħwienet tiegħu u jimliehom b'affarijiet oħra mhux relatati mal-industrija tal-kotba. Ġiet diskussa wkoll il-kollaborazzjoni bejn il-KNK u l-Università ta' Malta fid-dawl tan-negozjati għall-PLR, u xi awturi qajmu l-punt sabiex il-PLR eventwalment jiġi estiż ukoll għal istituzzjonijiet edukattivi oħra bħall-MCAST.

Fl-2020 il-KNK ressaq abbozz legali li jemenda l-Att dwar it-Taxxa fuq id-Dħul li fih ippropona li d-dħul minn drittijiet tal-awtur fuq ix-xogħol tiegħu jew tagħha (royalties) ikun eżenti mit-taxxa, kif ukoll li l-pubblikatur ikun jista' jitlob rifużjoni sa żewġ darbiet aktar l-ammont maħruġ fi drittijiet. Fl-2021 il-Gvern emenda l-Att imsemmi tali mod li issa t-taxxa dovuta fuq introjtu minn drittijiet tal-awtur huwa ta' 15%.

Il-KNK innegozja sabiex l-abbozz propost minnu dwar ir-Riforma fuq id-Drittijiet tal-Awtur jiġi aċċettat sabiex tiġi trasposta d-Direttiva tal-Unjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali (EU) 2019/790. L-Att propost kien approvat waqt il-Kungress Nazzjonali tal-Kittieba. F'Lulju l-imsieħba fl-industrija kienu mgħarrfa dwar Notifika Legali ippreżentata mill-Ministru għall-Ekonomija, l-On. Silvio Schembri, bl-intenzjoni li tiġi trasposta d-Direttiva msemmija. Filwaqt li l-KNK innota bi pjaċir li bosta mill-punti f'din-Notifika ttieħdu mill-abbozz imressaq minnu, kien hemm nuqqasijiet oħra li kellhom x'jaqsmu mal-qafas ġenerali. Minn dakinhar dan l-Att ġie traspost mill-Ministeru għall-Ekonomija u l-Industrija permezz tal-leġiżlazzjoni sussidjarja 415.08 li tista' tiġi aċċessata fuq https://legislation.mt/eli/sl/415.8/eng.

## Manwal lill-edukaturi kollha u l-estensjoni tal-Iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR)

Wara l-iffirmar tal-Education Exception bejn il-Ministeru tal-Edukazzjoni, l-Organizzazzjoni Maltija għad-Drittijiet Reprografiċi (Malta Reprographic Rights Organisation - MRRO), u l-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb (KNK), tħejja manwal li jfiehem dwar l-użu kif suppost tar-reprografija u l-ikkuppjar diġitali tal-kotba Maltin fl-iskejjel.






- Il-kotba - ipprintjati jew diġitali - huma protetti bid-drittijiet tal-awtur.
- L-ikkuppjar minn ktieb (sija fotokopji, skennjar, jew kopja ta' biċċiet biex tagħmel in-noti għall-istudenti) ifisser ksur tad-drittijiet tal-awtur u kontra l-liġi.
- Bis-saħħa tal-Liċenzja tal-Education Exception il-Gvern se jħallas liċenzja f'isem l-istituzzjonijiet edukattivi (skejjel tal-Gvern u skejjel tal-Knisja) sabiex dawn ikunu jistgħu jagħmlu kopji ta' ammont limitat ta' paġni minn ktieb jew silta minn materjal diġitali.
- Dil-Liċenzja MHIJIEX se tieħu post ix-xiri ta' liċenzji biex jintużaw kotba jew materjal diġitali sħaħ. Il-liċenzja għal dan trid tinxtara separatament mill-istituzzjoni edukattiva u hija rekwiżit legali.

Il-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb

**TISTA'** legalment tiffotokopja, tiskennja jew tuża b'xi mod jew ieħor il-massimu ta' kull għażla li tidher hawn taħt, jew anki ta' xejn minnhom:

- **sa mhux aktar minn 10% tal-kontenut tal-ktieb; jew**
- **kapitlu sħiħ, f'każ ta' ktieb; jew**
- **jekk qed nitkellmu fuq ġabra/antoloġija ta' novelli jew poeżiji, sa poeżija/novella waħda li ma tkunx taqbeż 10 paġni b'kollox.**

**MATERJAL DIĠITALI** (jiġifieri skennjat): l-ikkuppjar irid ikun limitat għal siltiet skont il-massimi msemmija hawn fuq. Il-materjal irid jitqassam mis-sistema sigura jew l-imejl tal-iskola BISS.

**JEHTIEĠLEK** tikkwota s-sors tal-kopji (isem il-ktieb, isem l-awtur, isem il-pubblikatur) u din in-notifika tkun tidher b'mod ċar fuq il-kopji li tagħti lill-istudenti.

Għall-kopji diġitali żid f'post prominenti, fejn hu possibbli, nota tad-drittijiet tal-awtur b'tal-inqas l-identità tal-awtur.

**TISTA',** skont il-massimi msemmija hawn fuq:

- tagħmel fotokopji biex tqassamhom lill-istudenti;
- tiskennja (però l-immaġni skennjata ma tistax tiġi mbagħbsa jew mibdula);
- tittajpja mill-ġdid f'kompjuter (importanti li l-kliem ma jinbidilx: anzi jrid jiġi ttajpjat kelma b'kelma mis-sors).

**MA TISTAX** tqassam il-materjal ikkuppjat barra mill-iskola.

**MA TISTAX** tbigħ il-materjal ikkuppjat jew tagħmlu disponibbli lil ħaddieħor li mhuwiex student fl-iskola tiegħek.

Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb
L-aħjar prattiċi fl-użu ta' materjal ippubblikat protett bid-drittijiet tal-awtur

L-Education Exception fil-qosor: x'tista' u ma tistax tagħmel 9

Il-manwal prattiku jinkludi l-informazzjoni relevanti u linji-gwida għall-edukaturi f'dak li għandu x'jaqsam mal-implimentazzjoni tal-Education Exception, u fih ukoll lista tal-aħjar prattiċi fl-użu ta' materjal ippubblikat u kopert bid-drittijiet tal-awtur fl-iskejjel. Il-manwal 'Best Practices in the Use of Copyrighted Published Material - A Practical Manual for Educators and Students' tqassam f'kull skola pubblika u tal-Knisja f'Malta u f'Għawdex.

Skont il-Kuntratt tal-Education Exception, il-KNK huwa l-entità responsabbli biex jgħaddi l-fondi lill-MRRO, li min-naħa tagħha tqassamhom lill- pubblikaturi u awturi rreġistrati fl-iskema tagħhom. L-għan ta' dan il-Ftehim għal-Liċenzja huwa li jassigura li min għandu d-drittijiet fuq xogħol ippubblikat jitħallas ta' dawn id-drittijiet fuq kotba li jiġu ffotokopjati fis-sistema edukattiva pubblika, kif ukoll jara li Malta timxi mad-Direttiva tal-Unjoni Ewropea fis-Suq Uniku Diġitali; jiddelinea wkoll il-parametri li fihom se taħdem l-MRRO hija u tagħti l-liċenzja lil stabbilmenti edukattivi f'Malta sabiex dawn ikunu jistgħu jirriproduċu biċċiet minn materjal ippubblikat kopert bid-drittijiet tal-awtur.




Fl-2021 il-KNK estenda l-Iskema tal-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR), li issa se jkunu qed jibbenefikaw minnha dawk li għandhom id-drittijiet tal-awtur (awturi, illustraturi, u fotografi) f'kotba b'ISBN Malti li jissellfu mil-Librerija tal-Università ta' Malta. Il-ħlas tal-PLR jgħodd għal dawk l-awturi, illustraturi, u fotografi li xogħolhom jissellef mil-libreriji pubbliċi kollha ta' Malta u Għawdex kull darba li l-ktieb jiġi misluf, u l-Iskema kienet ġiet introdotta mill-KNK fl-2014. Il-ħlasijiet joħroġu kull kwart tas-sena, u għal-Librerija tal-Università ta' Malta joħorġu darba f'sena.



## Donazzjonijet ta' kotba

Fl-2021 il-KNK għamel serje ta' donazzjonijiet ta' kotba lil diversi entitajiet, bħala parti minn pjan sabiex jiġu promossi l-pubblikazzjonijet lokali u jitjieb l-aċċess għalihom minn diversi setturi partikulari tas-soċjetà u l-komunitajiet tad-dijaspora Maltija.

Fi Frar ingħataw aktar minn 13,000 ktieb lill-ħaddiema tas-saħħa fuq quddiem nett fil-prevenzjoni tal-Covid-19. Id-donazzjoni ġiet ippreżentata mid-Direttur Eżekuttiv tal-KNK, Simona Cassano, u l-Ministru tal-Edukazzjoni, l-On. Justyne Caruana, lid-Deputat Prim Ministru u Ministru tas-Saħħa, l-On. Chris Fearne, fil-binja tal-Ministeru tas-Saħħa. Il-Ministru Fearne laqa' l-kotba kollha f'isem il-ħaddiema tas-Saħħa.




Fil-Jum Dinji tal-Kotba fit-23 t'April il-KNK ta b' € 2,000 liċenzji ta' ebooks mingħand Octavo li se jissarrfu f'xahrejn tniżżil bla limitu ta' ebooks miżjuda ma' dawk fil-kuntratt ta' Malta Libraries ma' Octavo. Bis-saħħa ta' das-servizz l-awturi lokali se jibbenefikaw aħjar mill-Iskema tal-PLR għall-kotba tagħhom li jissellfu mil-libreriji pubbliċi - kemm jekk mitbugħin u anki jekk diġitali.



F'Mejju saret donazzjoni oħra liċ-Ċentru Leap tal-Belt Valletta, immexxi mill-Fondazzjoni għal Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (FSWS). Il-kotba mlew l-ixkafef tal-librerija l-ġdida tagħhom u se jintużaw min-nies fl-inħawi tal-Belt u l-Furjana li jirrikorru għas-servizzi tal-FSWS f'dan iċ-ċentru.



Pubblikazzjonijet Maltin bil-Malti u bl-Ingliż ingħataw lill-Konsulat Ġenerali ta' Malta f'Melbourne f'Settembru, li se jintużaw bħala parti minn programm ta' sessjonijiet ta' qari fi skejjel primarji li jattendu fihom tfal Maltin. Dan bil-għan li jitqajjem mill-ġdid l-interess fl-ilsien Malti.

Finalment, f'Diċembru l-KNK wettaq żewġ donazzjonijet oħra. Waħda saret lill-

Kummssjoni għall-Vjolenza abbażi ta' Ġeneru u Vjolenza Domestika u l-oħra lill-Isptar Monte Karmeli, rispettivament. Il-kotba lill-Kummissjoni kienu jikkonsistu l-aktar f'rebbieħa tal-Premju Terramaxka u l-Premju Nazzjonali tal-Ktieb, li se jmorru għand ħames xelters li jakkomodaw persuni li qed isofru mill-vjolenza domestika. Il-kotba li marru l-Isptar Monte Karmeli se jintużaw fil-Male Dual Diagnosis Unit (MDDU) li jilqa' persuni li jridu jirrijabilitaw ruħhom mill-abbuż tad-droga.

## Attivitajiet online oħra

Il-mezzi soċjali għodda li bis-saħħa tagħha l-KNK jiddjaloga mal-pubbliku u jippromwovi l-inizjattivi tiegħu, il-pubblikazzjonijiet riċenti, il-klassiċi tal-letteratura Maltija, u jgħarraf dwar xejriet mill-industrija tal-kotba, fost oħrajn.




Waħda minn dal-kampanji, ferm popolari, kienet il-kompetizzjoni 'Irbaħ Ktieb Kuljum' li rebbħet ktieb kuljum lil ħames persuni wara li dawn ikunu wieġbu tajjeb għal mistoqsija. Il-kompetizzjoni l-ewwel bdiet ta' kuljum, u bħalissa għaddejja darba fil-ġimgħa b'mistoqsijiet dwar aspetti varji tax-xena letterarja Maltija. Ir-rebbieħa jagħżlu ktieb rebbieħ tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb.

Kampanji online oħra b'għanijiet simili li seħħew fl-2021 jinkludu l-'Powst dwar Ktieb' u l-'Iftaħ Ktieb', li ppromwovew kotba mwieżna mill-Fond Malti tal-Ktieb u kotba rebbieħa tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb. Ma' kull powst il-pubbliku jsib informazzjoni utli dwar l-awtur u mnejn jista' jixtri l-ktieb. Tul is-sena l-KNK itella' kampanja fuq il-mezzi soċjali dwar il-kotba finalisti tal-Premju Nazzjonali tal-Ktieb u l-Premju Terramaxka bl-informazzjoni relevanti ma' kull powst.

## Paġna letterarja ta' kull Ħadd

Il-KNK baqa' jisponsorja paġna letterarja li tidher fil-gazzetta ILLUM kull nhar ta' Ħadd u fuq il-mezzi online tal-gazzetta. Spazju bħal dan, dwar il-letteratura lokali u f'gazzetta bil-Malti, ftit hawn oħra bħalu. Il-paġna jkun fiha riċensjonijiet ta' pubblikazzjonijiet ġodda, diskussjoni dwar dibattiti letterarji lokali u internazzjonali, u intervisti ma' awturi lokali. Fl-2021 il-kitba tal-paġna mxiet għand Mark Vella mingħand Kevin Saliba.

## L-Isfida Msella

'L-Isfida Msella' kienet kompetizzjoni ta' qari organizzata mill-Iskola San Anton u megħjuna




mill-KNK. L-istudenti kienu mitluba jaqraw tliet kotba Maltin fi tliet xhur, u wara jieħdu sehem f'attivitajiet relatati ma' dak il-qari, ngħidu aħna joħolqu powsters u jiktbu proġetti u skripts għal films qosra. Ir-rebbieħa tal-kompetizzjoni tħabbru waqt avveniment speċjali fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb 2021.

## Xogħol restawrattiv fuq il-Mużew tal-Letteratura

Bħalissa għaddejjin ix-xogħlijiet tal-KNK fuq ir-riġenerazzjoni tal-palazz barokk tas-seklu 16 li ngħata lill-Kunsill sabiex jiġi kkonvertit f'mużew



tal-letteratura, ħanut tal-kotba li jservi bħala aġenzija kulturalii, u jkun jilqa' wkoll l-uffiċċju tal-Kunsill Nazzjonali tal-Ktieb. Fl-2021 ix-xogħol kompla fuq ir-restawr tal-ġebla ta' barra li tagħti għat-triq u l-faċċati tal-ħitan tal-bitħa ta' ġewwa. Hekk kif il-fażi tar-restawr tal-ġebla u tal-injam miexja lejn tmiemha, ix-xogħol għandu jimxi għar-restawr tal-affreski fuq il-ħitan ta' ġewwa u jibdew xogħlijiet strutturali oħra wara li jkun ippubblikat it-tender.

## Sondaġġ dwar l-Entitajiet tal-Pubblikazzjoni 2019-2020 u d-Database tal-ISBN

F'ħidma mal-Uffiċċju Nazzjonali tal-Istatistika l-KNK nieda uffiċjalment b'suċċess l-ewwel sondaġġ li qatt sar dwar l-industrija tal-pubblikazzjoni f'Malta, u li kopra s-snin 2019 u 2020. Minkejja l-effetti tal-imxija, ir-riżultati misjuba f'das-sondaġġ huma inkoraġġanti. Is-sondaġġ forna lill-KNK b'dejta li se tgħinna naħdmu fuq proposti u bidliet integrali li fit-tul taż-żmien iwieżnu lill-imsieħba fl-industrija tal-ktieb. Fost l-oħrajn, ir-riżultati tawna ċ-ċans inqabblu n-numru ta' kotba ppubblikati man-numru ta' ISBNs maħruġa li, mill-banda tagħhom, fetħulna tieqa fuq kemm l-għadd ta' kittieba awtoppubblikati żdiedu fl-aħħar snin, speċjalment fl-2020.

### *Punti ewlenin mill-Publishing Entities Survey* **2019-2020**

**Numru ta' ISBNs Maħruġa**

2019 **891**

2020 **1134**

2021 **1415**

**ISBNs maħruġa fl-2020**

| 511 of 1134 | 619 of 1134 |
|---|---|
| lil entitajiet tal-pubblikazzjoni attivi | lil oħrajn, fosthom kittieba awtoppubblikati |

| | 2019 | 2020 |
|---|---|---|
| Kotba mitbugħa | 557 | 429 |
| e-books | 128 | 171 |

**Lingwi**

% distribuzzjoni




**84.7%** tal-kotba ppubblikati fl-2020 kienu disponibbli online

**>90%** tal-pubblikaturi kellhom 3 edituri jew anqas fl-2019 u l-2020

**Dħul**

**2/3** iġġenerati minn bejgħ ta' kotba kummerċjali

**87.5%** iġġenerati minn bejgħ ta' kotba mitbugħa

# *Rapport Finanzjarju*





## *Dħul*

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Bilanċ miġjub mill-2020 | | | |
| Kontanti | | | 34.52 |
| Bank | | | 485,448.86 |
| Fondi Governattivi (Rikurrenti) | | | 1,130,000.00 |
| Fondi Governattivi (Kapital) | | | 500,000.00 |
| Programmi mal-PBS | | | 2,240.00 |
| Miżati ta' Parteċipazzjoni fil-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | | | 11,663.40 |

## *Ħruġ*[1]

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| **Il-Festival Nazzjonali tal-Ktieb** | | | |
| Kuntrattur għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 67,116.04 | | |
| Inizjattivi Kulturali u spejjeż oħra | 68,590.24 | | |
| Spejjeż tax-Xogħol | 1,993.17 | | |
| Kiri tal-MFCC għall-Festival Nazzjonali tal-Ktieb | 113,404.49 | 251,103.94 | |
| Il-Festival tal-Ktieb fuq il-Kampus | | 2,902.20 | |
| **Premji Nazzjonali tal-Ktieb** | | | |
| Trofej | 1,805.40 | | |
| Rebħ monetarju għall-Premji Nazzjonali tal-Ktieb | 58,000.00 | | |
| Miżati tal-Aġġudikanti | 11,700.00 | 71,505.40 | |
| Xiri ta' Kotba | | 124,208.56 | |
| Proġetti ta' Esportazzjoni Letterarja | | 22,540.73 | |
| Il-Fond għall-Adattament Ċinematografiku | | 60,900.00 | |

| Kategorija | € | € | € |
|---|---|---|---|
| Il-Proġett ta' Dun Karm | | 44,600.00 | |
| Spejjeż Operattivi | | 21,626.01 | |
| Programmi tar-Radju u t-TV | | 250.00 | |
| Spejjeż tax-Xogħol | | 54,070.73 | |
| Attivitajiet Kulturali Oħra | | 6,706.11 | |
| Marketing | | 87,960.01 | |
| Għamara | | 5,748.61 | |
| Apparat ieħor | | 2,974.27 | |
| Spejjeż oħra | | 705.32 | |
| Ħlasijiet Professjonali | | 12,755.95 | |
| Ħlasijiet ta' Sħubija | | 1,130.00 | |
| Konċessjonijiet għal Proġetti li jaqgħu taħt il-Fond Malti tal-Ktieb | | 78,138.00 | |
| Ħlasijiet Bankarji | | 696.80 | |
| Ħlasijiet għall-Jeddijiet tas-Self Pubbliku (PLR) | | 50,000.00 | |
| Education Exception | | 95,016.03 | |
| **IR-RESTAWR TAL-PALAZZ (2)** | | | |
| Xogħlijiet Restawrattivi | | 322,224.01 | |
| Bilanċ miġjub mis-sena | | | |
| Kontanti | | 459.79 | * |
| Bank | | 811,164.31 | * |
| | | | |
| | | 2,129,386.78 | **2,129,386.78** |

*Noti: (1) Infiq rikorrenti*
*(2) Infiq Kapitali*
**Il-bilanċi pendenti jitmexxew kollha għall-2022*

# ISBN u ISMN

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-884-7 | Barnuża ħamra (pop-up ed.) | Vojtěch Kubašta; Clare Azzopardi (trans.); Vojtěch Kubašta (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-885-4 | It-tliet qżieqeż (pop-up ed.) | Vojtěch Kubašta; Clare Azzopardi (trans.); Vojtěch Kubašta (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-906-6 | Mill-oasi tiegħi | David Aloisio | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-907-3 | Vrumm! L-istorja tal-karozzi | Michał Leśniewski; Noel Tanti (trans.); Michał Leśniewski (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-908-0 | Kelb jismu Wuff | Claire Smedley; Claudia Gauci (trans.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-909-7 | Vespers | Trevor Żahra; Clare Vassallo (trans.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-910-3 | Il-professur għasfur fl-ispazju | Ġorġ Mallia | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-911-0 | Sinnasafra u Siequlasta fis-Saltna ta' Żaqq-Ratba (Rumanzini, L-ewwel pass) | Yann Walcker, Antoniette Borg (trans.); Benjamin Bécue (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-912-7 | Il-klabb tal-paċpaċa (1) : Il-Miss sparixxiet! (Rumanzini, L-ewwel pass) | Orianne Lallemand; Antoinette Borg (trans.); Florence Guittard (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-913-4 | Il-klabb tal-paċpaċa (2) : Serata piġamaġika! (Rumanzini, L-ewwel pass) | Orianne Lallemand; Antoinette Borg (trans.); Florence Guittard (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-914-1 | It-tifel-dragun (3) : It-tifel tal-ilma u tan-nar (Rumanzini, Pass pass) | Éric Sanvoisin; Loranne Vella (trans.); Jérémie Fleury (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-915-8 | Sara Ballerina: Il-konkors (Rumanzini, Pass pass) | Natacha Godeau; Loranne Vella (trans.); Ariane Delrieu (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-916-5 | Sara Ballerina: Merħba fl-Opéra! (Rumanzini, Pass pass) | Natacha Godeau; Loranne Vella (trans.); Ariane Delrieu (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-917-2 | Il-Prinċipessa Tya u l-għajbien tal-faragħun (Rumanzini, Pass ta' ġgant) | Agnès Bertron-Martin; Antoinette Borg (trans.); Myrtille Tournefeuille (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-918-9 | Il-Prinċipessa LinYao u l-perla tal-immortalità (Rumanzini, Pass ta' ġgant) | Agnès Bertron-Martin; Antoinette Borg (trans.); Myrtille Tournefeuille (ill.) | Merlin Publishers |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-919-6 | Waħedna fl-ispazju (Rumanzini, Pass ta' ġgant) | Claude Carré; Antoinette Borg (trans.); Oriol Vidal (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-920-2 | Il-misteru tas-Sur Spir Spiteri | Trevor Żahra; Trevor Żahra (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-921-9 | Ride the feeling | Aunty Sab; Emma Galea Naudi (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-922-6 | Alias | Mark Camilleri | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-923-3 | Papa Aħmed (ebook) | Joe Pace | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-924-0 | Innuendo (ebook) | Anthony Portelli, Antoinette Borg | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-925-7 | Kissirtu kullimkien (ebook) | Lara Calleja | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-926-4 | Alice fl-Art tal-Għeġubijiet | Lewis Carroll; Carlo Scataglini (adapt.); Clare Azzopardi, Leanne Ellul (trans.); Cinzia Battistel, Giorgio Valentini (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-927-1 | Mastru Gerfex rebbieħ dejjem | Carmel G. Cauchi; Frank Schembri (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-928-8 | Rigal lil Samantha | Carmel G. Cauchi; Frank Schembri (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-929-5 | Tikka Malti 3a (ed. aġġornata 2021) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-930-1 | Tikka Malti 3b (ed. aġġornata 2021) | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Erin Taylor (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-931-8 | Mill-ħġieġa 'l barra | Leanne Ellul | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-932-5 | The patient in Hospital Zero | Ramona Depares | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-933-2 | Is-seba' tronġiet mewwija (2021 ed.) | Trevor Żahra; Trevor Żahra (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-934-9 | U tisbaħ missier ... | Sergio Grech | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-935-6 | Il-fatat kaħlani | Clare Azzopardi, Leanne Ellul; Romont Willy (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-936-3 | Ġojjel fir-renju tad-draguni | Laurent Souillé, Olivier Souillé; Clare Azzopardi (trans.); Jérémie Fleury (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-937-0 | Ġojjel u l-fatatina tas-silġ | Laurent Souillé, Olivier Souillé; Clare Azzopardi (trans.); Jérémie Fleury (ill.) | Merlin Publishers |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-1-938-7 | Lupu Lupettu jivvjaġġa fiż-żmien | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trans.); Éléonore Thuillier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-939-4 | Lupu Lupettu jħobb is-siġar | Orianne Lallemand; Clare Azzopardi (trans.); Éléonore Thuillier (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-940-0 | Mustaċċi jivvintahom | Armelle Renoult; Clare Azzopardi (trans.); Mélanie Grandgirard (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-941-7 | Akiko qattus unikornu b'missjoni | Béatrice Ruffié; Clare Azzopardi (trans.); Ophélie Ortal (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-942-4 | Kapt'n Fsied u l-kaxxa tal-ikel | Julien Hervieux; Clare Azzopardi (trans.); Luke Séguin-Magee (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-943-1 | Perfettament imperfetta | Kirsten Spiteri | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-944-8 | Irvin Vella investigatur virtwali (1) : Il-każ Manduca (ebook) | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-945-5 | Irvin Vella investigatur virtwali (2) : Il-każ tas-serqiet strambi (ebook) | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-946-2 | Irvin Vella investigatur virtwali (3) : Il-każ tal-gżejjer tat-teżor (ebook) | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-947-9 | Irvin Vella investigatur virtwali (4) : Il-każ Stella Maris (ebook) | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-948-6 | Irvin Vella investigatur virtwali (5) : Il-każ tal-maħżen mitluq (ebook) | John A. Bonello; Lisa Falzon (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-949-3 | Il-professur għasfur (ebook) | Ġorġ Mallia; Ġorġ Mallia (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-950-9 | Il-Vinkulari (1): Il-vjaġġaturi taż-żmien (ebook) | Simone Spiteri; Moira Scicluna Zahra (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-951-6 | Il-Vinkulari (2): Il-muftieħ tal-passat (ebook) | Simone Spiteri; Moira Scicluna Zahra (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-952-3 | Arlekkin isfar (ebook) | Roberta Bajada; Robbie Cathro (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-953-0 | Arloġġ u tila (ebook) | Roberta Bajada; Daniela 'iella' Attard (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-954-7 | 365 (ebook) | Trevor Żahra | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-956-1 | Il-parabboli tal-imġienen | Keith Borg | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-958-5 | Frammenti | Tyrone Grima | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-959-2 | Żifna f'xifer irdum | Nadia Mifsud | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-960-8 | Il-forma tal-ilma | Andrea Camilleri; Antoinette Borg (trans.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-961-5 | Irvin Vella investigatur virtwali (6) : Il-każ tat-tfajla maħtufa | John A. Bonello; Francesca Grech (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-962-2 | Sbejħa : ħmara żgħira b'qalb kbira | Michael Cini; José Luis Ocaña(ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-963-9 | Drawwiet tal-Milied Maltin | Trevor Żahra (ed.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-964-6 | Mitt elf isem ieħor : HappyVeganGirlJules | Lon Kirkop | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-965-3 | Wasal il-Milied | Ernest Vella | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-966-0 | Mila u l-iljun ir-rieqed (Lenti fuq l-awtiżmu) | Leanne Ellul, Stephanie Bugeja; Alice Samuel (ill.) | Merlin Publishers |
| 978-99909-1-967-7 | Sherlock, Lupin u jien (3): Il-misteru tal-warda ħamra | Pierdomenico Baccalario, Alessandro Gatti; Dwayne Ellul (trans.) | Merlin Publishers |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99909-3-229-4 | The Times picture annual 2020 | Matthew Mirabelli (ed.); Mark Zammit Cordina, Darrin Zammit Lupi, Jonathan Borg, Chris Sant Fournier (photo.) | Allied Publications |
| 978-99909-44-85-3 | Bl-għasluġ tal-ħsieb : Dun Karm, la jixjieħ u la jmut | Charles Briffa | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-86-0 | Ġabra ta' ħrejjef Maltin minn Stumme | Hans Stumme; Lily Grima (trans.) | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-44-87-7 | 'Kollox politika' : governanza, reliġjon, ekonomija u amministrazzjoni pubblika | Mario Thomas Vassallo; Various Contributors | Malta University Publishers Ltd |
| 978-99909-54-92-0 | La paz del corázon : 50 reflexiones para disfrutar de la paz interior | Stephen Zammit | Preca Publications |
| 978-99909-54-93-7 | The great book | George Preca; Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. (trans.) | Preca Publications |
| 978-99909-54-94-4 | Ix-xitan imċanfar | Papa Franġisku; Soċjetà tad-Duttrina Nisranija M.U.S.E.U.M. (trans.) | Preca Publications |
| 978-99909-54-95-1 | San Ġorġ Preca : ħaj bħal qatt qabel | Ġorġ Borg | Preca Publications |
| 978-99909-54-96-8 | Is-sakrarju tal-Ispirtu ta' Kristu | Ġorġ Preca | Preca Publications |
| 978-99909-54-97-5 | Ġinnasju spiritwali | Ġorġ Preca | Preca Publications |
| 978-99909-54-98-2 | Il-ktieb il-kbir | Ġorġ Preca | Preca Publications |
| 978-99909-54-99-9 | Direttorju spiritwali | Ġorġ Preca | Preca Publications |
| 978-99909-85-71-9 | Maltese facades | Conrad Thake; Charles Paul Azzopardi (photo.) | Miranda Publishers |
| 978-99909-89-60-1 | National Commission for the Promotion of Equality annual report 2020 | National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) | National Commission for the Promotion of Equality (NCPE) |
| 978-99932-7-781-1 | Tastes like Gozo : everyday products become great plates in easy-to-follow recipes (hbk.) | George Borg | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-782-8 | Ikarus, it-tifel li kien jaf itir (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-783-5 | Ġasun u l-ġeżża tad-deheb (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-784-2 | Arjun u sieħbu d-denfil (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-785-9 | Pegasu, iż-żiemel li jtir (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-786-6 | Odissew u ż-żiemel tal-injam (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-787-3 | Persew u l-mostruża Medusa (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-788-0 | Is-sigriet tas-senduq ta' Pandora (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-789-7 | Is-swaba tad-deheb tas-Sultan Mida (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-790-3 | Arakni, il-mara brimba (Stejjer Griegi rrakuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-791-0 | Tesew u l-mostru li jiekol in-nies (Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-792-7 | Insa li mhijiex hawn | Norbert Bugeja | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-793-4 | Stejjer Griegi rrakkuntati għat-tfal (sett ta' għaxar kotba) | Saviour Pirotta; Karm Serracino (adapt.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd. Bil-kollaborazzjoni tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu |
| 978-99932-7-794-1 | X'kien ġara sew fis-Sette Giugno (It-3et ed. ) | Paul A. Bartolo | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-795-8 | Maltese English dictionary Vol. 1 (A-L), Vol. 2 (M-Z) (hbk.) | Joseph Aquilina | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-796-5 | English Maltese dictionary Vol.1 (A-D), Vol. 2 (E-L), Vol. 3 (M-R), Vol. 4 (S-Z) (hbk.) | Joseph Aquilina | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-797-2 | Fateful encounters : or The Book of Barabbas (pbk.) | Charles Casha; Martin Bugelli (trans.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-798-9 | Arja friska 1 : ġabra ta' stejjer (ebook) | Various | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-799-6 | Arja friska 2 : ġabra ta' stejjer (ebook) | Various | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-800-9 | Maltese English dictionary Vol. 1 (hbk.) | Joseph Aquilina | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-801-6 | Maltese English dictionary Vol. 2 (hbk.) | Joseph Aquilina | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-802-3 | The Victoria Lines, Malta | Ray Cachia Zammit | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-803-0 | Il-qassis li rebaħ | Ġorġ Scicluna | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-804-7 | Talb għax-xita | Alex Mizzi | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-805-4 | Il-miġja | George A. Said-Zammit | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-806-1 | Damasku tiegħi | Suad Amiry; Jean Paul Borg (trans.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-807-8 | Romeo u Julia | Charles Buttigieg | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-808-5 | Fateful encounters : or The Book of Barabbas (ebook) | Charles Casha; Martin Bugelli (trans.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-809-2 | Luigi M. Ugolini's Malta Antica I-V (set of 5 volumes) (hbk.) | Andrea Pessina, Nicholas C. Vella (eds.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-810-8 | Malta's Armed Forces : its journey | Kayleigh Gelfo; Armed Forces of Malta (photo.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-811-5 | The third siege of Malta | Manuel Delia; Alessandra Dee Crespo (ed.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-812-2 | Id-Divina Commedia | Dante Alighieri; Alfred Palma (trans.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-813-9 | Il-Malti 2019 | George Farrugia (ed.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-814-6 | The houses of Baroque Valletta 1650-150 | Mevrick Spiteri | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-815-3 | Disgħa | Austin Camilleri | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-816-0 | Tal-bieraħ tar u mar | Edwin Paul Borg | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-817-7 | Bibliography of Malta-related publications (1800-1838) printed outside Malta in the Albert Ganado collection | Albert Ganado, William Zammit | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-818-4 | Sweet Maltese moments (hbk.) | Paul Fenech | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-819-1 | Memories from the front line : five decades of service to the country (1956-2005) (hbk.) | Joe R. Grima | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-820-7 | The Basilica of the Nativity of Our Lady : a monument to faith and devotion Xagħra, Gozo | Daphne M. Sant Caruana | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-821-4 | Paramm Paramm : ktieb għall-bravi u l-imqarbin | Immanuel Mifsud; Maja Veselinović (des.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-822-1 | Il-pupa tax-xelter | Claudia Aloisio; Greta Borg Carbot (ill.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-823-8 | Binu l-eroj | Justin Debono | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-824-5 | 100 storja mitt fehma | Victor Shields, Pauline Bondin | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-825-2 | Tad-demm u l-laħam | Steve Borg | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-826-9 | Il-ħamsin (hbk.) | Ġorġ Mallia (ed.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-827-6 | Sliema wives : the new breed | Gerard James Borg | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-828-3 | Maltese and other languages : a linguistic history of Malta (2nd ed.) (pbk.) | Joseph M. Brincat | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-829-0 | International perspectives on decorative arts : nineteenth-century Malta (hbk.) | Mark Sagona (ed.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-830-6 | Karmenu : it-tifel li sar poeta | Rita Saliba; Rebecca Zammit (ill.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-831-3 | Xejriet tal-proża bil-Malti ta' Dun Karm | Marita Cassar | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-832-0 | Varjetà | Toni Sant | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-833-7 | Minn taħt l-ilsien : novelli | Rita Saliba | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-834-4 | Disgħin minuta | Charles Casha | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-835-1 | Meta jolfoq il-ward | Nicholas Attard | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-836-8 | Imbagħad il-qiegħ | Murad Shubert | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-837-5 | Sliem u saħħa | Evarist Bartolo | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |

| ISBN | Titlu tal-ktieb | Awtur - editur | Pubblikatur |
|---|---|---|---|
| 978-99932-7-838-2 | Arthur G. Vella, S.J. : F'kollox inħobb u naqdi (hbk.) | Joseph Borg, Leonard Callus, Carmel Conti, Anna Vella, Antoine Vella (eds.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 978-99932-7-839-9 | Arthur G. Vella, S.J. : F'kollox inħobb u naqdi (pbk.) | Joseph Borg, Leonard Callus, Carmel Conti, Anna Vella, Antoine Vella (eds.) | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 973-99932-7-840-5 | 1919 : symptoms of imperial discontent. Four case studies | Joseph M. Pirotta | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 973-99932-7-841-2 | The story of Matthia : the wife of Gerolamo Cassar l'ingeniere | Victor Bonnici | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
| 973-99932-7-842-9 | 1921: self-government in Malta, 1921-1933 (hbk.) | Dominic Fenech | Klabb Kotba Maltin/ Midsea Books Ltd |
